

Il-Ġurnal Uffiċjali C 145

tal-Unjoni Ewropea



Volum 58

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

1 ta' Mejju 2015

Werrej

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2015/C 145/01	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.7590 — Berkshire Hathaway/Detlev Louis Motorrad Vertriebsgesellschaft) ⁽¹⁾	1
2015/C 145/02	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.7476 — Holtzbrinck Publishing Group/Springer Science+Business Media GP Acquisition SCA/JV) ⁽¹⁾	1

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2015/C 145/03	Rata tal-kambju tal-euro	2
2015/C 145/04	Opinjoni tal-Komitat Konsultattiv dwar l-Għaqdiet mogħtija fil-laqgħa tiegħu tad-29 ta' Settembru 2014 rigward abbozz ta' deċiżjoni relatat mal-Każ M.7000 — Liberty Global/Ziggo — Relatur: L-Ungerija	3

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE

2015/C 145/05	Ir-Rapport Finali tal-Uffiċjal tas-Seduta — Liberty Global/Ziggo (M.7000)	5
2015/C 145/06	Sommarju tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Ottubru 2014 li tiddikkjara konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq intern u l-funzjonament tal-Ftehim ŻEE (Il-Każ M.7000 — Liberty Global/Ziggo) (notifikata bid-dokument C(2014) 7241) (1)	7

V Avviżi

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

Il-Kummissjoni Ewropea

2015/C 145/07	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.7615 — Deprez Holding/Greenyard Foods) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata (1)	13
2015/C 145/08	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.7561 — PartnerRe Ltd/AXIS Capital Holdings Limited) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata (1)	14

ATTI OĦRAJN

Il-Kummissjoni Ewropea

2015/C 145/09	Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel	15
2015/C 145/10	Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni għal emenda skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel	22
2015/C 145/11	Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel	26

Rettifika

2015/C 145/12	Rettifika għal Festi pubbliċi fl-2015 (ĠU C 463, 23.12.2014)	29
---------------	--	----

(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

II

*(Komunikazzjonijiet)***KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI
U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA****IL-KUMMISSJONI EWROPEA****Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata****(Il-Każ M.7590 — Berkshire Hathaway/Detlev Louis Motorrad Vertriebsgesellschaft)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2015/C 145/01)

Fit-23 ta' April 2015, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kw-lunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- fit-taqsimha tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tipprowdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt>) fid-dokument li jgħib in-numru 32015M7590. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-Internet għal-liġi Ewropea.

⁽¹⁾ ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**(Il-Każ M.7476 — Holtzbrinck Publishing Group/Springer Science+Business Media GP Acquisition
SCA/JV)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2015/C 145/02)

Fil-31 ta' Marzu 2015, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss bl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kw-lunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- Fit-taqsimha tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tipprowdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt>) fid-dokument li jgħib in-numru 32015M7476. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-Internet għal-liġi Ewropea.

⁽¹⁾ ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI
TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro ⁽¹⁾

It-30 ta' April 2015

(2015/C 145/03)

1 euro =

Munita	Rata tal-kambju	Munita	Rata tal-kambju		
USD	Dollaru Amerikan	1,1215	CAD	Dollaru Kanadiż	1,3480
JPY	Yen Ġappuniż	133,26	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	8,6925
DKK	Krona Daniża	7,4631	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,4727
GBP	Lira Sterlina	0,72670	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,4815
SEK	Krona Żvediża	9,3261	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 202,48
CHF	Frank Żvizzeru	1,0486	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	13,2413
ISK	Krona İzlandiża		CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	6,9568
NOK	Krona Norveġiża	8,3845	HRK	Kuna Kroata	7,5715
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	IDR	Rupiah Indoneżjan	14 547,71
CZK	Krona Ċeka	27,430	MYR	Ringgit Malażjan	3,9895
HUF	Forint Ungeriż	302,81	PHP	Peso Filippin	50,088
PLN	Zloty Pollakk	4,0250	RUB	Rouble Russu	57,6465
RON	Leu Rumun	4,4183	THB	Baht Tajlandiż	36,976
TRY	Lira Turka	2,9815	BRL	Real Brażiljan	3,3232
AUD	Dollaru Awstraljan	1,4161	MXN	Peso Messikan	17,0894
			INR	Rupi Indjan	71,2153

⁽¹⁾ Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar l-Għaqdiet mogħtija fil-laqgħa tiegħu tad-29 ta' Settembru 2014 rigward abbozz ta' deċiżjoni relatat mal-Każ M.7000 — Liberty Global/Ziggo

Relatur: L-Ungerija

(2015/C 145/04)

Konċentrazzjoni

1. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li l-operazzjoni nnotifikata tikkostitwixxi konċentrazzjoni skont it-tifsira tar-Regolament tal-Kunsill Nru 139/2004.
2. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li l-operazzjoni nnotifikata għandha dimensjoni tal-Unjoni, skont l-Artikolu 1(2) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

Swieq Rilevanti

3. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mad-definizzjonijiet tal-Kummissjoni tas-suq tal-prodott u s-suq ġeografiku rilevanti fl-abbozz tad-Deċiżjoni.
4. B'mod partikolari, il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li, għall-fini tal-valutazzjoni tal-konċentrazzjoni proposta, għandha ssir distinzjoni bejn is-swieq li ġejjin:
 - (a) Is-suq Netherlandiż għal liċenzjar/l-akkwist tad-drittijiet tax-xandir ta' kontenut tat-televiżjoni,
 - (b) Is-suq Netherlandiż għal provvista bl-ingrossa u l-akkwist ta' stazzjonijiet tat-televiżjoni bi ħlas bażiku u s-suq Netherlandiż għal provvista bl-ingrossa u l-akkwist ta' stazzjonijiet tat-televiżjoni bi ħlas primjum.
 - (c) Is-suq Netherlandiż għal provvista għal konsum ta' servizzi tat-TV,
 - (d) Is-suq Netherlandiż għal provvista għal konsum ta' servizzi ta' leħen/telefonija fissa,
 - (e) Is-suq Netherlandiż għal provvista għal konsum ta' servizzi ta' aċċess fiss għall-Internet,
 - (f) Is-suq Netherlandiż għal provvista għal konsum ta' servizzi ta' telekommunikazzjoni mobbli lil klijenti finali,

Il-Valutazzjoni Kompetittiva

5. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li l-konċentrazzjoni proposta tqajjem tħassib dwar il-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern jew parti sostanzjali minnu:
 - (a) fir-rigward tat-trikkib orizzontali bejn l-attivitajiet tal-partijiet fis-suq tal-provvista bl-ingrossa u l-akkwist ta' stazzjonijiet (in-naħa tal-provvista) tat-televiżjoni (film) fin-Netherlands;
 - (b) fir-rigward tar-relazzjoni vertikali bejn is-suq tal-provvista bl-ingrossa u l-akkwist ta' stazzjonijiet (in-naħa tal-provvista) tat-televiżjoni (film) bi ħlas primjum fin-Netherlands minn naħa, u s-suq downstream għal provvista għal konsum ta' servizzi tat-TV (bi ħlas) għan-Netherlands, min-naħa l-oħra;
 - (c) fir-rigward tat-trikkib orizzontali bejn l-attivitajiet tal-partijiet fis-swieq għall-provvista u l-akkwist ta' stazzjonijiet (in-naħa tal-provvista) tat-televiżjoni bi ħlas bażiku u primjum, li jwassal għall-prevenzjoni, dewmien jew xkiel tas-servizzi awdjoviżivi OTT.
6. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni li mhemmx bżonn li jaslu għal deċiżjoni finali dwar jekk il-konċentrazzjoni proposta aktarx twassals għal xkiel sinifikanti ta' kompetizzjoni effettiva fir-rigward ta' kontenut bin-Netherlandiż fl-ewwel u t-tieni intervalli ta' xandir bi ħlas, stazzjonijiet televiżivi tematiċi f'kompetizzjoni u aċċess għan-netwerk tal-Internet fin-Netherlands, peress li l-impenji proposti mill-Parti Notifikanti se jindirizzaw ukoll kull tħassib potenzjali relatat ma' dawn.

Rimedju

7. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li l-impenji huma suffiċjenti biex jitwarrab tħassib iġġenerat mill-konċentrazzjoni proposta fir-rigward tal-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern jew parti sostanzjali minnhom:
 - (a) fir-rigward tat-trikkib orizzontali bejn l-attivitajiet tal-partijiet fis-suq tal-provvista bl-ingrossa u l-akkwist ta' stazzjonijiet (in-naħa tal-provvista) tat-televiżjoni (film) fin-Netherlands;
 - (b) fir-rigward tar-relazzjoni vertikali bejn is-suq tal-provvista bl-ingrossa u l-akkwist ta' stazzjonijiet (in-naħa tal-provvista) tat-televiżjoni (film) bi ħlas primjum fin-Netherlands minn naħa, u s-suq downstream għal provvista għal konsum ta' servizzi tat-TV (bi ħlas) għan-Netherlands, min-naħa l-oħra;

- (c) fir-rigward tat-trikkib orizzontali bejn l-attivitajiet tal-partijiet fis-swieq għall-provvista u l-akkwist ta' stazzjonijiet (in-naħa tal-provvista) tat-televiżjoni bi ħlas bażiku u primjum, li jwassal għall-prevenzjoni, dewmien jew xkiel tas-servizzi awdjoviżivi OTT.
8. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li jekk l-impenji offruti mill-partijiet ikunu segwiti, u jiġu kkunsidrati l-impenji kollha f'daqqa, il-konċentrazzjoni proposta x'aktarx li mhux se tfixkel b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva fis-suq intern jew f'parti sostanzjali minnu.
9. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-opinjoni tal-Kummissjoni li l-konċentrazzjoni proposta għandha tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern u mal-Ftehim ŻEE skont l-Artikoli 2(2) u 8(2) tar-Regolament tal-Għaqdiet u l-Artikolu 57 tal-Ftehim ŻEE.
-

Ir-Rapport Finali tal-Uffiċjal tas-Seduta ⁽¹⁾**Liberty Global/Ziggo****(M.7000)**

(2015/C 145/05)

1. Fl-14 ta' Marzu 2014, il-Kummissjoni Ewropea (il-"Kummissjoni") irċeviet notifika ta' tranżazzjoni pproposta li permezz tagħha Liberty Global plc ("Liberty Global") se takkwista kontroll esklussiv fuq Ziggo N.V. ("Ziggo") skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet ⁽²⁾ permezz ta' offerta pubblika ("it-Tranżazzjoni Pproposta").
2. It-Tranżazzjoni Proposta għandha dimensjoni tal-UE fit-tifsira tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.
3. Fil-25 ta' Marzu 2014, in-Netherlands permezz tal-Awtorità għall-Konsumaturi u s-Swieq ("ACM") tagħhom talbu għal riferiment sħiħ ta' ġurisdizzjoni fuq it-Tranżazzjoni Pproposta mill-Kummissjoni lin-Netherlands skont l-Artikolu 9(2)(a) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Fil-25 ta' Ġunju 2014, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni skont l-Artikolu 9(3) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, biex b'hekk irrifjutat it-talba.
4. Fit-8 ta' Mejju 2014, meta ġie kkunsidrat li t-Tranżazzjoni Pproposta qajmet dubji serji dwar il-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern u l-funzjonament tal-Ftehim ŻEE, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni biex tibda proċedimenti skont l-Artikolu 6(1)(c) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.
5. Fl-14 ta' Mejju 2014, skont l-Artikolu 10(3), it-tieni subparagrafu tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-Kummissjoni estendiet il-perjodu għar-reviżjoni tat-Tranżazzjoni Pproposta b'20 jum ta' xogħol.
6. Wara investigazzjoni fil-fond tas-suq, il-Kummissjoni kkonkludiet li t-Tranżazzjoni Pproposta x'aktarx li se tfixxli b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva fir-rigward tas-suq għall-provvista bl-ingrossa u l-akkwist ta' stazzjoni televiżivi bi ħlas ta' primjum u b'konnessjoni maż-żieda fil-kapaċità tal-akkwist tal-entità magħquda fir-rigward ta' xandara tat-televiżjoni fis-swieq tal-provvista bl-ingrossa u l-akkwist ta' stazzjonijiet televiżivi bi ħlas bażiku u primjum fin-Netherlands.
7. Sabiex tindirizza t-tħassib relatat mal-kompetizzjoni identifikat mill-Kummissjoni, Liberty Global issottomettiet impenji fl-14 ta' Lulju 2014. Il-Kummissjoni nediet test tas-suq dwar l-impenji u kkonkludiet li kien meħtieġ titjib biex jitwarrab it-tħassib relatat mal-kompetizzjoni.
8. Wara li Liberty Global naqset milli twieġeb għal talba għal informazzjoni, fl-1 ta' Awwissu 2014, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Id-deċiżjoni ssuspendiet il-perjodu għar-reviżjoni tat-Tranżazzjoni Pproposta mill-4 ta' Awwissu sad-19 ta' Awwissu 2014, meta Liberty Global irrispondiet għat-talba għal informazzjoni.
9. Fit-22 ta' Awwissu 2014, sett rivedut ta' impenji ġie sottomess li permezz tiegħu Liberty Global taqbel li ċ-ċessjoni tal-attivitajiet tal-istazzjon televiżiv bi ħlas primjum Film1 u għal ċerti obbligi maħsuba biex jiġi żgurat li xandara televiżivi jkunu kapaċi joffru kontenut permezz ta' servizzi over-the-top (OTT) fin-Netherlands.
10. Fuq il-bażi tal-impenji riveduti, l-abbozz ta' deċiżjoni jiddikjara t-Tranżazzjoni Pproposta kompatibbli mas-suq intern u mal-Ftehim ŻEE, soġġett għal kondizzjonijiet u obligazzjonijiet maħsuba sabiex jassiguraw li Liberty Global tkun konformi ma' dawn l-impenji.
11. Skont l-Artikolu 16 tad-Deċiżjoni 2011/695/UE, jien eżaminajt jekk l-abbozz tad-deċiżjoni jittrattax biss l-oġġezzjonijiet li fir-rigward tagħhom il-partijiet ingħataw l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom. Nikkonkludi li hekk sar.

⁽¹⁾ Skont l-Artikoli 16 u 17 tad-Deċiżjoni 2011/695/UE tal-President tal-Kummissjoni Ewropea tat-13 ta' Ottubru 2011 dwar il-funzjoni u t-termini ta' referenza tal-uffiċjal tas-seduta f'ċerti proċedimenti dwar il-kompetizzjoni (ĠU L 275, 20.10.2011, p. 29) ("id-Deċiżjoni 2011/695/UE").

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentramenti bejn impriżi (ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1) (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

12. Ma rċevajt ebda talba jew ilment proċedurali minn l-ebda parti. Kollox ma' kollox, nikkonkludi li l-partijiet kollha kienu kapaċi jeżerċitaw effettivament id-drittijiet proċedurali tagħhom f'dan il-każ.

Brussell, it-30 ta' Settembru 2014.

Wouter WILS

**Sommarju tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni
tal-10 ta' Ottubru 2014**

li tiddikkjara konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq intern u l-funzjonament tal-Ftehim ŻEE

(Il-Każ M.7000 — Liberty Global/Ziggo)

(notifikata bid-dokument C(2014) 7241)

(il-verżjoni bl-Ingliż biss hija awtentika)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2015/C 145/06)

Fl-10 ta' Ottubru 2014 il-Kummissjoni adottat Deċiżjoni f'każ ta' fużjoni skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) ta' dan ir-Regolament. Verżjoni mhux kunfidenzjali tad-Deċiżjoni sħiħa tista' tinstab fil-lingwa awtentika tal-każ fuq is-sit web tad-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni, fl-indirizz li ġej: http://ec.europa.eu/comm/competition/index_mt.html

I. IL-PARTIJET

- (1) Liberty Global plc ("Liberty Global" jew "il-Parti Notifikanti"), hija operatur tal-kejbil internazzjonali. Din hija s-sid u topera networks bil-kejbil li joffru TV, Internet broadband, telefonija fissa u servizzi ta' telekomunikazzjoni mobbli fi 12-il pajjiż Ewropew. Liberty Global hija attiva primarjament fin-Netherlands permezz ta' UPC, li hija s-sid u topera network bil-kejbil fil-pajjiż. Liberty Global tiddistribwixxi wkoll l-istazzjonijiet televiżivi Sport1 u Film1 fin-Netherlands. Liberty Global qed tespandi n-negozju tat-telekomunikazzjonijiet mobbli tagħha permezz tat-tneđija ta' offerti tal-Operatur ta' Network Mobbli Virtwali ("MVNO") madwar l-Ewropa, inkluż fin-Netherlands, fejn riċentement Liberty Global daħlet fis-suq Olandiż tat-telekomunikazzjonijiet mobbli.
- (2) Ziggo N.V. ("Ziggo", flimkien ma' Liberty Global il-"Partijiet") hija s-sid u topera network bil-kejbil broadband li jkopri aktar minn nofs in-Netherlands. Ziggo tipprovdi servizzi ta' vidjow tal-kejbil diġitali u analogu, Internet broadband, telekomunikazzjonijiet mobbli u telefonija diġitali (Protokoll tal-Vuċi fuq l-Internet, jew "VoIP"). Ziggo tikkontrolla b'mod konġunt ma' HBO l-impriża konġunta b'funzjoni sħiħa HBO Nederland Coöperatief U.A. ("HBO Nederland"). HBO Nederland topera tliet stazzjonijiet televiżivi bi ħlas tal-HBO u servizzi relatati ta' Video-On-Demand ("VOD"), li joffru films, programmi televiżivi esklussivi u oħrajn b'kontenut ta' divertiment. Dawn l-istazzjonijiet jiġu ddistribwiti abbażi ta' bejgħ bl-ingrossa lill-fornituri tat-televiżjoni bi ħlas għall-konsumatur fin-Netherlands.

II. L-OPERAZZJONI

- (3) Fl-14 ta' Marzu 2014, il-Kummissjoni rċeviet notifika formali skont l-Artikolu 4 tar-Regolament dwar l-Għaqdiet li permezz tagħha Liberty Global takkwista, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklussiv ta' Ziggo.
- (4) Bħalissa Liberty Global hija l-ikbar azzjonista minoritarja f'Ziggo b'shem ta' 28,5%. Skont ftehim li sar bejn Liberty Global u Ziggo fis-27 ta' Jannar 2014, Liberty Global se tneđi offerta pubblika għall-ishma li baqa' f'Ziggo. Jekk l-offerta tkun ta' suċċess, Liberty Global se jkollha l-kontroll esklussiv ta' Ziggo.
- (5) Għaldaqstant il-fużjoni tikkostitwixxi konċentrazzjoni skont l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

III. IL-PROCĊEDURA

- (6) It-tranżazzjoni ġiet innotifikata lill-Kummissjoni fl-14 ta' Marzu 2014. Fit-8 ta' Mejju 2014, il-Kummissjoni sabet li t-tranżazzjoni qajmet dubji serji rigward il-kompatibilità tagħha mas-suq intern u adottat deċiżjoni sabiex tibda proċedimenti skont l-Artikolu 6(1)(c) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

- (7) Fil-25 ta' Marzu 2014, il-Kummissjoni rċeviet talba mingħand in-Netherlands sabiex tirreferi l-każ kollu lill-Awtorità Olandiża għall-Konsumaturi u s-Swieq skont l-Artikolu 9(2)(a) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Wara l-bidu tal-proċedimenti permezz ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 6(1)(c), in-Netherlands bagħtet tfakkira dwar it-talba tagħha ta' rinviju fil-15 ta' Mejju 2014. Fil-25 ta' Ġunju 2014, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni skont l-Artikolu 9(3) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, u rrifjutat it-talba.
- (8) Fl-14 ta' Lulju 2014, Liberty Global ressqet impenji lill-Kummissjoni. Wara r-riżultati tat-test tas-suq li sar fuq dawn l-impenji, Liberty Global pprovdiet verżjoni ġdida tal-impenji tagħha sabiex tieħu kont tal-kummenti li waslu matul it-test tas-suq. Fit-22 ta' Awwissu 2014, Liberty Global ressqet l-impenji finali li jagħmlu t-tranżazzjoni kompatibbli mas-suq intern.

IV. MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

A. Is-swieq tal-prodotti rilevanti

- (9) B'konformità mad-deċiżjonijiet preċedenti tal-Kummissjoni dwar is-swieq tas-servizzi televiżivi⁽¹⁾ u tat-telekomunikazzjonijiet⁽²⁾ (telefonija fissa, servizzi tat-telekomunikazzjoni mobbli u servizzi tal-aċċess fiss għall-Internet) u l-perspettiva tal-Parti Notifikanti, is-swieq tal-prodotti rilevanti jistgħu jiġu deskritti b'mod ġenerali kif ġej:
- (a) is-suq għal-liċenzjar/l-akkwist tad-drittijiet tax-xandir ta' kontenut awdjoviżiv individwali;
 - (b) is-suq bl-ingrossa għall-provvista u l-akkwist ta' stazzjonijiet televiżivi bi ħlas, li jistgħu jiġu ssegmentati aktar fis-suq għal stazzjonijiet televiżivi bi ħlas bażiku u s-suq għal stazzjonijiet televiżivi bi ħlas primjum;
 - (c) is-suq tal-konsumaturi għall-provvista ta' servizzi televiżivi;
 - (d) is-suq tal-konsumaturi għall-provvista ta' servizzi telefoniċi fissi tal-vuċi;
 - (e) is-suq tal-konsumaturi għall-provvista ta' servizzi tal-aċċess fiss għall-Internet;
 - (f) is-suq tal-konsumaturi għall-provvista ta' servizzi ta' telekommunikazzjoni mobbli;
 - (g) is-suq possibbli għal servizzi "multiple play".
- (10) Id-dettalji dwar id-definizzjoni tas-swieq elenkati taħt (b), (c), (d), (e), (f) u (g) li huma primarjament u orizzontalment u/jew kif inhu f'dan il-każ affettwati b'mod vertikali, huma stabbiliti hawn taħt.

Is-swieq bl-ingrossa għall-provvista u l-akkwist ta' stazzjonijiet televiżivi bi ħlas u għall-provvista u l-akkwist ta' stazzjonijiet televiżivi bi ħlas primjum

- (11) Fid-deċiżjonijiet preċedenti⁽³⁾, il-Kummissjoni sabet li jeżisti suq bl-ingrossa separat għall-provvista u l-akkwist ta' stazzjonijiet televiżivi. Dan huwa s-suq li fih il-fornituri ta' servizzi televiżivi għall-konsumatur, li wħud jaġixxu bħala aggregaturi tal-istazzjonijiet, jakkwistaw stazzjonijiet televiżivi minn xandara televiżivi sabiex joffru dawn l-istazzjonijiet għall-utenti aħħarin permezz ta' infrastrutturi ta' distribuzzjoni differenti. Fid-deċiżjonijiet preċedenti, il-Kummissjoni identifikat ukoll żewġ swieq separati għall-istazzjonijiet bla ħlas ("FTA") u għall-istazzjonijiet televiżivi bi ħlas fis-suq ġenerali għall-provvista u l-akkwist ta' stazzjonijiet televiżivi. Fid-deċiżjonijiet preċedenti tagħha, il-Kummissjoni eżaminat ukoll, iżda fl-aħħar ħalliet pendenti, jekk is-suq għall-istazzjonijiet televiżivi bi ħlas għandux ikun issegmentat aktar fi swieq bl-ingrossa għal stazzjonijiet televiżivi bi ħlas bażiku u stazzjonijiet televiżivi bi ħlas primjum.
- (12) F'dan il-każ, il-Kummissjoni vvalutat jekk l-istazzjonijiet televiżivi bi ħlas bażiku u l-istazzjonijiet televiżivi bi ħlas primjum jikkostitwixxux swieq separati. Wara r-riżultati tal-investigazzjoni f'dan il-każ, il-Kummissjoni kkonkludiet li minħabba d-differenzi fil-kontenut li joffru, il-kundizzjonijiet tal-ipprezzar u l-ammont ta' telespettaturi attirati bejn stazzjonijiet televiżivi bi ħlas bażiku u primjum, u għall-finijiet ta' dan il-każ, l-istazzjonijiet televiżivi bi ħlas bażiku u dawk bi ħlas primjum jappartjenu għal swieq tal-prodotti separati.

⁽¹⁾ Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Awwissu 2008 fil-Każ COMP/M.5121 — News Corp/Premiere, il-paragrafu 35; Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Lulju 2007 fil-Każ COMP/M.4504 — SFR/Télé 2 France, il-paragrafi 27-36; Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Diċembru 2011 fil-Każ COMP/M.6369 — HBO/Ziggo/HBO Nederland, il-paragrafi 18-21.

⁽²⁾ Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Ġunju 2009 fil-Każ COMP/M.5532 — Carphone Warehouse/Tiscali UK, il-paragrafu 35; Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Settembru 2013 fil-Każ COMP/M.6990 — Vodafone/Kabel Deutschland, il-paragrafu 131.

⁽³⁾ Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Diċembru 2010 fil-Każ COMP/M.5932 — News Corp/BskyB, il-paragrafi 76 u 85; Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Diċembru 2011 fil-Każ COMP/M.6369 — HBO/Ziggo/HBO Nederland, il-paragrafu 22.

- (13) B'konformità mad-deċiżjonijiet preċedenti tal-Kummissjoni u l-perspettiva tal-Partijiet, l-ambitu ġeografiku tas-swieq imsemmija hawn fuq, jiġifieri s-swieq għall-provvista u l-akkwist ta' stazzjonijiet televiżivi u ta' stazzjonijiet televiżivi bi ħlas primjum, huwa nazzjonali, jiġifieri jikkorrispondi għat-territorju tan-Netherlands.

Is-swieq għall-konsumatur għall-provvista ta' servizzi televiżivi, servizzi ta' telefonija fissa, servizzi tal-Internet fiss u l-possibbiltà ta' suq għall-konsumatur għas-servizzi "multiple play"

- (14) F'dawn is-swieq, il-fornituri għall-konsumatur joffru servizzi televiżivi, telefonija fissa u servizzi tal-aċċess fiss għall-Internet għall-konsumaturi aħħarin. Il-Kummissjoni tqies li hemm swieq għall-konsumatur distinti għal (i) servizzi televiżivi u (ii) telefonija fissa/servizzi tal-vuċi mingħajr is-subsegmentazzjoni ulterjuri ta' dawn is-swieq skont l-infrastruttura għad-distribuzzjoni jew it-tip ta' klijent. Fid-dawl tar-riżultati tal-investigazzjoni f'dan il-każ, il-Kummissjoni kkonkludiet f'dan il-każ li fis-suq tal-konsumatur għall-provvista ta' servizzi tal-aċċess għall-Internet jistgħu jiġu distinti swieq separati għall-Internet mobbli u l-Internet broadband fiss. Il-Kummissjoni vvalutat ukoll jekk jeżistix suq separat għall-provvista ta' servizzi "multiple play" (!) fin-Netherlands iżda fl-aħħar id-definizzjoni eżatta tas-suq tħalliet miftuħa.
- (15) B'konformità mad-deċiżjonijiet preċedenti tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni tqis li l-ambitu ġeografiku tas-swieq tal-konsumatur rilevanti għall-provvista ta' servizzi televiżivi, telefonija/vuċi fissa, konnessjoni fissa tal-Internet broadband u servizzi "multiple play" possibbli huwa nazzjonali.

B. Il-valutazzjoni kompetittiva

- (16) Wara investigazzjoni fil-fond, il-Kummissjoni kkonkludiet li hija m'għadx għandha tħassib rigward is-suq għal-liċenzjar/l-akkwist tad-drittijiet tax-xandir ta' kontenut awdjoviv individwali jew tas-suq possibbli għal-liċenzjar/l-akkwist ta' kontenut awdjoviv bil-lingwa Olandiża. Il-Kummissjoni m'għadx għandha tħassib ukoll rigward l-effetti koordinati u mhux koordinati li jirriżultaw fis-swieq tal-konsumatur għall-provvista ta' TV, il-konnessjoni fissa tal-Internet broadband, it-telefonija fissa, u s-servizzi "multiple play".
- (17) Madankollu, il-Kummissjoni kkonkludiet li t-tranżazzjoni x'aktarx li ma tkunx kompatibbli mas-suq intern fir-rigward tas-swieq għall-provvista bl-ingrossa u l-akkwist ta' stazzjonijiet televiżivi (films) bi ħlas primjum (mil-lat tal-provvista) u s-swieq għall-provvista u l-akkwist ta' stazzjonijiet televiżivi bi ħlas bażiku jew primjum (mil-lat tal-akkwist).
1. *Is-suq bl-ingrossa għall-provvista u l-akkwist ta' stazzjonijiet televiżivi bi ħlas primjum — tħassib orizzontali (mil-lat tal-provvista)*
- (18) Wara t-tranżazzjoni, l-entità magħquda Liberty Global/Ziggo tikkontrolla tlieta minn erba' stazzjonijiet televiżivi bi ħlas primjum fin-Netherlands (li jinkludu Film1, HBO Nederland, Sport1 u Fox Sports) u tkun is-sid tal-uniċi żewġ stazzjonijiet televiżivi tal-films bi ħlas primjum tal-pajjiż — Film1 u HBO. Il-Kummissjoni kkonkludiet li dan jippermetti lill-entità magħquda li żżid il-prezz bl-ingrossa ta' dawn iż-żewġ stazzjonijiet għall-operaturi televiżivi tal-bejgħ li jikkompetu ma' xulxin.
- (19) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni sabet li (i) il-fatt li Time Warner/HBO xorta jibqgħu jikkontrollaw b'mod konġunt l-HBO Nederland ma jipprevenix din iż-żieda fil-prezz bl-ingrossa, (ii) għalkemm iż-żewġ stazzjonijiet televiżivi tal-films bi ħlas primjum joffru (fil-biċċa l-kbira) kontenut komplementari, huma jeżerċitaw pressjoni kompetittiva sinifikanti fuq xulxin, u (iii) il-persjoni kompetittiva potenzjali eżerċitata minn fornituri ta' servizzi Video on Demand ("VOD") bħal Netflix u RTL's Videoland mhix biżżejjed sabiex tillimita l-entità magħquda, hekk kif dawn is-servizzi nonlineari bħalissa ma jikkostitwixxux sostitut adegwat għall-istazzjonijiet televiżivi bi ħlas primjum lineari tal-entità magħquda.
2. *Is-suq bl-ingrossa għall-provvista u l-akkwist ta' stazzjonijiet televiżivi bi ħlas primjum — tħassib vertikali (mil-lat tal-provvista)*
- (20) Il-Kummissjoni tqis li wara t-tranżazzjoni l-entità magħquda jkollha l-kapaċità u l-inċentiv li tinvolvi ruħha fi strateġija ta' esklużjoni ta' dħul fir-rigward tal-istazzjon tagħha Film1, b'mod partikolari billi tirrifjuta li tippovdi aċċess għal dan l-istazzjon lill-kompetituri tagħha fis-suq għall-konsumatur (esklużjoni totali), jew billi toffri lill-hom f'kundizzjonijiet degradanti (esklużjoni parzjali).

(!) L-offerti tal-"multiple play" jinkludu pakkett li ġeneralment ikun fiha tlieta jew aktar minn dawn is-servizzi għall-konsumatur li ġejjin għall-klijenti tagħhom: servizzi televiżivi, servizzi tat-telefonija fissa, servizzi tal-aċċess fiss għall-Internet, servizzi tat-telefonija mobbli.

(21) Il-kapaċità tal-esklużjoni tal-aċċess għal Film1 tirriżulta mill-pożizzjoni b'saħħitha fis-suq upstream tal-entità magħquda fejn din tkun tista' tikkontrolla l-uniċi żewġ stazzjonijiet televiżivi tal-films bi ħlas primjum li l-bejjiegħa tat-televiżjoni bi ħlas jikkunsidraw bħala stazzjonijiet "essenzjali". Rigward l-inċentiv tal-esklużjoni totali, il-Kummissjoni sabet li din l-istrateġija x'aktarx li tagħmel il-qligħ. Il-marġini fil-livell tal-bejgħ għall-konsumatur li attwalment il-Parti Notifikanti qiegħda tgawdi minnu jaqbeż sew il-marġini fil-livell upstream u f'każ ta' esklużjoni parti sinifikanti tad-domanda għal Film1 x'aktarx tiġi trasferita għand l-entità magħquda. Għaldaqstant, il-Kummissjoni sabet li livell limitat biss tad-domanda downstream trasferita b'suċċess jippermetti għat-tpaċija tal-profitti upstream mitlufa. Bl-istess mod, l-analiżi tal-Kummissjoni ta' dejta ekonomika turi li l-entità magħquda probabbilment se jkollha l-inċentiv li tinvolvi ruħha f'esklużjoni parzjali. Iż-żewġ tipi ta' esklużjoni x'aktarx li jżidu l-prezzijiet għall-konsumatur kemm tal-entità magħquda kif ukoll tal-operaturi tat-televiżjoni bi ħlas li jikkompetu ma' xulxin. Rigward l-esklużjoni parzjali, din hija partikolarment probabbli minħabba l-fatt li l-Kummissjoni stabbi-liet li t-tranżazzjoni proposta x'aktarx ma tippermetti l-ebda eliminazzjoni sinifikanti tal-marġinalizzazzjoni doppja li tista' tegħleb iż-żidiet potenzjali fil-prezz għall-konsumatur magħmula mill-fornituri rivali ta' Film1 li ġew soġġetti għall-esklużjoni parzjali.

3. *Il-provvista bl-ingrossa tal-istazzjonijiet televiżivi bi ħlas — tħassib orizzontali (mil-lat tal-akkwist)*

(22) Is-sehem mis-suq tal-entità magħquda fuq is-segment ġenerali għall-provvista u l-akkwist tal-istazzjonijiet televiżivi kollha bi ħlas fin-Netherlands se jammonta għal aktar minn 50% wara li ssir it-tranżazzjoni, u b'hekk jizjed il-livell tas-saħħa tax-xerrej li attwalment il-Partijiet qed igawdu minnu b'mod individwali. Il-Kummissjoni tqis li dan is-sehem x'aktarx li jissottovaluta l-livell tas-saħħa tax-xerrej li l-entità magħquda jkollha f'dan is-segment, minħabba li jkollha pożizzjoni aktar sinifikanti fis-suq downstream, jiġifieri fis-suq għall-provvista tal-konsum tas-servizzi televiżivi bi ħlas.

(23) Il-Kummissjoni tinnota li l-akkwist ta' stazzjonijiet televiżivi bi ħlas lineari u l-provvista ta' servizzi awdjoviżivi "over-the-top" ("OTT TV") tipikament jiġu nnegozjati b'mod konġunt max-xandara televiżivi. OTT TV riċentement ra żviluppi sinifikanti fin-Netherlands bit-tneđija ta' bosta servizzi VOD online (Netflix, NLZiet, NPO Plus u RTL Videoland). Jekk OTT TV kellhom ikompli jiżviluppaw fsostitut sħiħ tal-offerti televiżivi bi ħlas tal-entità magħquda, il-konsumaturi aħħarin jistgħu jibbenefikaw bil-kbir mill-kompetizzjoni li tirriżulta bejn id-diversi pjattiformi. Madankollu, l-investigazzjoni tal-Kummissjoni wriet li fxi każijiet, il-Parti Notifikanti kkonkludiet ftehimiet max-xandara televiżivi għal stazzjonijiet televiżivi bi ħlas li fihom restrizzjonijiet sinifikanti fuq il-kapaċità tax-xandara li jipprovdu l-OTT TV. Ix-xandara televiżivi sa issa rnexxilhom jirreżistu, sa ċertu punt, l-inklużjoni ta' dawn ir-restrizzjonijiet OTT, parzjalment minħabba l-politika laxka ta' Ziggo f'dan ir-rigward.

(24) F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni tqis li s-saħħa mkabbra fis-suq tal-entità magħquda bħala xerreja ta' stazzjonijiet televiżivi bi ħlas tista' tippermettilha li tikkonkludi aktar ftehimiet bħal dawn, jew ftehimiet li huma saħansitra aktar onerużi li jipprevjenu, idewmu jew ixekklu l-provvista ta' servizzi OTT. Din il-kapaċità hija aggravata mill-kapaċità eżistenti ta' kull wwaħda mill-Partijiet li b'mod tekniku jiddegradaw id-distribuzzjoni tal-kontenut OTT fuq in-netwerks tal-Internet tagħhom. Billi l-offerti OTT jikkostitwixxu innovazzjonijiet importanti li x'aktarx jeżerċitaw restrizzjoni kompetittiva akbar fuq il-mudell tradizzjonali tad-distribuzzjoni tal-operaturi tat-televiżjoni bil-kejbil, il-kapaċità li jipprevjenu, idewmu jew ixekklu dawn is-servizzi tista' twassal għal prezzijiet ogħla u l-konsumaturi jiġu miċħuda minn innovazzjonijiet importanti.

4. *Swieq tal-konsumatur għall-provvista ta' servizzi televiżivi bi ħlas, servizzi tal-aċċess fiss għall-Internet, telefonija fissa u servizzi "multiple play" — tħassib orizzontali mhux koordinat*

(25) Il-preżenza ġeografika tan-netwerks bil-kejbil operati minn Liberty Global u Ziggo fin-Netherlands mhix sovrapposta u għalhekk mhuwiex possibli għall-klijenti diretti li jeqilbu bejn il-Partijiet. Madankollu, minkejja n-nuqqas ta' kompetizzjoni diretta bejn Liberty Global u Ziggo, il-Kummissjoni investigat jekk il-Partijiet għadhomx iqisu l-azzjonijiet ta' xulxin meta dawn jagħmlu d-deċiżjonijiet kummerċjali tagħhom, jew b'mod dirett permezz ta' valutazzjoni komparattiva tal-ipprezzar tagħhom kontra xulxin jew permezz ta' mekkaniżmu li jinvolvi l-KPN bħala kompetitur fl-livell nazzjonali.

(26) Sabiex jiġi investigat dan it-tħassib il-Kummissjoni analizzat id-dejta tal-ipprezzar tal-Partijiet biex b'mod ġenerali tara kif jevolvu l-prezzijiet għall-konsumatur tagħhom, u b'mod partikolari jekk riċentement fin-Netherlands kinitx diġà seħħet xi forma ta' reazzjoni tal-prezzijiet sekwenzjali bejn il-prezzijiet għall-konsumatur tal-Partijiet. Għalkemm hemm indikazzjonijiet li l-kompetituri fis-suq tal-konsumatur Olandiż jissorveljaw mill-qrib lil xulxin u jwiegħbu għall-offerti promozzjonali ta' xulxin, il-Kummissjoni kkonkludiet li m'hemmx biżżejjed evidenza li tis-suggerixxi li l-Partijiet u l-KPN b'mod konsistenti jipprezzaw b'mod sekwenzjali b'mod li jista' jwassal għal effetti mhux koordinati permezz tal-eliminazzjoni ta' limitazzjoni indiretta bejn il-Partijiet.

- (27) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkunsidra li t-tranżazzjoni ma tfixkilx b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva min-ħabba xi effetti mhux koordinati eventwali li jseħħu fis-swieq tal-konsumatur għall-provvista ta' servizzi televiżivi bi ħlas, servizzi tal-aċċess fiss għall-Internet, it-telefonija fissa u servizzi "multiple play" fin-Netherlands.
5. *Swieq tal-konsumatur għall-provvista ta' servizzi televiżivi bi ħlas, servizzi tal-aċċess fiss għall-Internet, telefonija fissa u servizzi "multiple play" — tħassib orizzontali koordinat*
- (28) Il-Kummissjoni analizzat ukoll l-effetti koordinati potenzjali fuq is-swieq għall-provvista għal konsum ta' servizzi televiżivi bi ħlas, servizzi tal-aċċess fiss għall-Internet, it-telefonija fissa u s-servizzi "multiple play" fin-Netherlands.
- (29) Peress li n-netwerks bil-kejbil tal-Partijiet ġeografikament ma jikkoinċidux, il-Kummissjoni tikkunsidra li fil-prattika it-tranżazzjoni jkollha impatt limitat ħafna fuq il-kapaċità eżistenti ta' KPN li tikkoordina l-imġiba tagħha ma' Ziggo u Liberty Global u mal-entità magħquda, wara li tkun saret it-tranżazzjoni. Ġie investigat jekk it-tranżazzjoni tibdilx b'mod sinifikanti xi wħud mill-fatturi li ġeneralment jitqiesu li jwasslu għal imġiba koordinata.
- (30) Għalkemm hemm ċerti elementi li jissuġġerixxu li s-swieq għall-konsumatur Olandiżi tat-televiżjoni bi ħlas, l-Internet broadband, it-telefonija fissa u l-"multiple play" bħalissa jistgħu jwasslu għall-koordinazzjoni (pereżempju, bħall-eżistenza ta' ċertu livell ta' trasparenza f'dawn is-swieq) il-Kummissjoni tqis li ma hemmx bżonn ta' konklużjoni dwar il-livell preċiż ta' din il-koordinazzjoni peress li m'hemmx biżżejjed evidenza sabiex tikkonkludi li t-tranżazzjoni se toħloq il-kundizzjonijiet għall-koordinazzjoni jew tagħmel il-koordinazzjoni aktar faċli, aktar stabbli jew aktar effettiva.

C. Kummenti mressqin mill-Parti notifikanti

1. Deskrizzjoni tal-impenji

- (31) Sabiex tindirizza t-tħassib dwar il-kompetizzjoni, il-Parti Notifikanti ressqet sett ta' impenji finali fit-22 ta' Awwissu 2014 ("l-Impenji") li fihom dawn l-elementi li ġejjin: (i) l-impenn li jkun divestit l-istazzjon televiżiv bi ħlas primjum Film1 u (ii) l-impenji relatati mas-servizzi OTT.
- (32) Rigward l-impenn sabiex ikun divestit in-negozju ta' Film1, Liberty Global timpenja ruħha wkoll li tidħol, max-Xerrej tan-negozju ta' Film1, f'"carriage agreement" dwar id-distribuzzjoni ta' Film1 fuq il-pjattaforma televiżiva bi ħlas tal-entità magħquda fin-Netherlands rigward kundizzjonijiet kummerċjali raġonevoli. Barra minn hekk, Liberty Global timpenja ruħha li tagħmel sforzi raġonevoli sabiex tiżgura li n-negozju ta' Film1 jiġi trasferit lix-Xerrej bil-liċenzji esklussivi prinċipali attwali kollha ta' Film1 għad-drittijiet tax-xandir ta' films li jintwerew għall-ewwel darba u oħrajn li diġà ntwerew mit-televiżjoni bi ħlas.
- (33) Skont l-impenji relatati mas-servizzi OTT, Liberty Global timpenja ruħha li ma tibqax tinforza u għaldaqstant ittemm b'mod effettiv il-klawżoli restrittivi OTT fi ftehimiet eżistenti ma' xandara televiżivi relatati mad-distribuzzjoni tal-istazzjonijiet lineari ta' dawn ix-xandara u s-servizzi ta' ripetizzjoni ta' programmi fuq il-pjattaformi tat-televiżjoni bi ħlas tal-Partijiet. Liberty Global mhux se tidħol fi jew iġġedded mill-ġdid ftehimiet relatati mad-distribuzzjoni ta' stazzjonijiet televiżivi lineari tax-xandara u servizzi ta' ripetizzjoni ta' programmi fuq il-pjattaforma televiżiva bi ħlas tal-entità magħquda li jkun fihom restrizzjonijiet OTT diretti jew indiretti.
- (34) Barra minn hekk, sabiex ma tikkompromettix l-effettività tal-impenn OTT, Liberty Global timpenja ruħha li jkollha kapaċità ta' interkonnessioni biżżejjed għall-partijiet li jkun qegħdin ifittxu li jiddistribwixxu dejta għall-konsumaturi tal-broadband tagħhom billi tiżgura li partijiet bħal dawn ikollhom mill-inqas tliet rotot fejn ma hemmx konġestjoni fin-netwerk IP tal-entità magħquda fin-Netherlands.
- (35) L-impenn li ma tkunx projbita d-distribuzzjoni OTT tal-kontenut, fl-intier tiegħu, ikun fis-seħħ għal perjodu ta' tmien (8) snin wara d-data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni attwali tal-Kummissjoni.

2. Valutazzjoni tal-impenji

- (36) Iż-żvestment tan-negozju ta' Film1 tneħħi fl-intier tagħha s-sovrapożizzjoni bejn l-attivitajiet tal-Partijiet rigward l-istazzjonijiet televiżivi bi ħlas primjum fin-Netherlands. Din tneħħi wkoll kull tħassib putattiv li wara l-fużjoni, Liberty Global tista' teskludi lill-kompetituri tat-televiżjoni bi ħlas fis-suq tal-konsumatur tagħha milli jkollhom aċċess effettiv għal stazzjon primjum tal-films.

- (37) Il-Kummissjoni tqis li l-Impenji fihom s-salvagwardji kollha meħtieġa sabiex ikun żgurat t-trasferiment b'suċċess tan-negozju Film1 lil xerrej adattat. B'mod partikolari, dawn jinkludu l-assi u l-persunal kollha li jikkontribwixxu għall-operat attwali tiegħu jew li huma meħtieġa sabiex jiżguraw il-vijabbiltà u l-kompetittività tiegħu. L-Impenji jipprovdu wkoll salvagwardji li n-negozju ta' Film1 se jkun trasferit mal-kuntratti b'kontenut meħtieġa għall-vijabbiltà u l-kompetittività tiegħu.
- (38) Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Impenji huma xierqa u suffiċjenti sabiex jitneħħa t-tħassib dwar il-kompetizzjoni espress qabel għal dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet li tgħid li t-tranżazzjoni proposta se twassal għal impediment sinifikanti għal kompetizzjoni effettiva fir-rigward ta' stazzjonijiet televiżivi tal-films bi ħlas primjum fin-Netherlands.
- (39) Il-Kummissjoni tqis li l-impenn OTT jifred b'mod effettiv in-negozjati relatati mat-trasferiment ta' stazzjonijiet lineari tax-xandara u s-servizzi ta' ripetizzjoni fuq il-pjattaforma televiżiva bi ħlas tal-entità magħquda minn kwalunkwe negozjati relatati mas-servizzi OTT. Huwa rimedju xieraq u suffiċjenti biex ineħħi t-tħassib tal-Kummissjoni espress qabel għal dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet li jirriżultaw mis-saħħa mkabbra tax-xerrej tal-entità magħquda fis-suq għall-provvista bl-ingrossa u l-akkwist ta' stazzjonijiet televiżivi bi ħlas.
- (40) L-Impenji jindirizzaw ukoll il-kapaċità teknika tal-Partijiet li jiddegradaw il-kwalità tas-servizzi ta' fornituri tal-OTT TV li huma f'kompetizzjoni ma' xulxin. L-impenn ta' Liberty Global li żżomm kapaċità suffiċjenti ta' interkonnnessjoni għall-partijiet li jkunu qegħdin ifittxu li jiddistribwixxu dejta lill-klijenti tagħhom tal-broadband għandhom jiżguraw li l-impenn OTT ma jistax jiġi immedjatament imxekkel permezz ta' mezzi tekniċi.

V. KONKLUŻJONI

- (41) Għal dawn ir-raġunijiet imsemmija hawn fuq, id-deċiżjoni tikkonkludi li l-konċentrazzjoni kif emendata bl-impenji mressqa fit-22 ta' Awwissu 2014 mhijiex se xxekkel b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva fis-Suq Intern jew f'xi parti sostanzjali tiegħu.
- (42) Konsegwentement, il-konċentrazzjoni għandha tiġi ddikjarata kompatibbli mas-Suq Intern u l-funzjonament tal-Ftehim ŻEE, skont l-Artikolu 2(2) u l-Artikolu 8(2) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet u l-Artikolu 57 tal-Ftehim ŻEE.
-

V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA
TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.7615 — Deprez Holding/Greenyard Foods)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2015/C 145/07)

1. Fit-23 ta' April 2015, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriża Deprez Holding NV ("Deprez Holding", il-Belġju) takkwista skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll uniku tal-impriża Greenyard Foods NV kollha kemm hi ("Greenyard Foods", il-Belġju), permezz ta' xiri ta' ishma.
2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:
 - Deprez Holding: attiva permezz tas-sussidjarja tagħha Univeg Holding BV fl-oqsma tal-frott u l-ħxejjex friski (inklużi prodotti maqtugħin friski), fjuri u pjanti, kif ukoll tat-trasport u l-ġistika relatati, u sa ċertu punt, fis-settur tal-ortikoltura permezz tas-sussidjarja tagħha Peatinvest NV,
 - Greenyard Foods: attiva fl-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' ħxejjex u frott u ikel lest biex jittiekel, kemm iffriżati u kemm fil-laned (taħt id-diviżjonijiet Penguin u Noliko).
3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽²⁾, ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.
4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jstgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301) jew permezz tal-e-Mail lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bin-numru ta' referenza M.7615 — Deprez Holding/Greenyard Foods, f'dan l-indirizz:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

(1) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

(2) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Il-Każ M.7561 — PartnerRe Ltd/AXIS Capital Holdings Limited)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
(2015/C 145/08)

1. Fl-24 ta' April 2015, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriża PartnerRe Ltd ("PRE", il-Bermuda) tidħol f'fużjoni sħiħa skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet ma' AXIS Capital Holdings Limited ("AXIS", il-Bermuda).

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- PRE: kumpanija ta' riassigurazzjoni globali, elenkata fil-Borża ta' New York, tipprovdi l-aktar prodotti ta' riassigurazzjoni u, sa ċertu punt, ċerti prodotti ta' speċjalità ta' assigurazzjoni,
- AXIS: fornitur globali ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni elenkat fil-Borża ta' New York.

3. It-tranżazzjoni tirriżulta f'duplikazzjoni orizzontali fis-suq globali ta' riassigurazzjoni u, sa ċertu punt, fis-suq tal-assigurazzjoni diretta taż-ŻEE kif ukoll fis-suq tad-distribuzzjoni ta' assigurazzjoni. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽²⁾, ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (+32 22964301) bil-posta elettronika lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, bin-numru ta' referenza M.7561 — PartnerRe Ltd/AXIS Capital Holdings Limited, f'dan l-indirizz:

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Fużjonijiet
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

ATTI OĦRAJN

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agricoli u oġġetti tal-ikel

(2015/C 145/09)

Din il-pubblikazzjoni tikkonferixxi d-dritt ta' oppożizzjoni għall-applikazzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾.

APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA MHUX MINURI GĦALL-ISPEĊIFIKAZZJONI TA' DENOMINAZZJONI PROTETTA TA' ORIĠINI JEW TA' INDIKAZZJONI ĠEOGRAFIKA PROTETTA

APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA SKONT L-EWWEL SUBPARAGRAFU TAL-ARTIKOLU 53(2) TAR-REGOLAMENT (UE) Nru 1151/2012

“ROCAMADOUR”**Nru tal-UE: FR-PDO-0305-01275 – 12.11.2014****DPO (X) IĠP ()****1. Grupp applikant u interess leġittimu**

Syndicat des Producteurs de Fromages Rocamadour,
Maison de l'Agriculture du Lot
430, avenue Jean Jaurès B.P. 199
46004 Cahors Cedex
FRANCE

Tel. +33 565232221,
Faks: +33 565232219,
Email: contact@aoc-rocamadour.com

Il-grupp jinkludi l-partijiet interessati “Rocamadour”, jiġifieri l-produtturi, il-proċessuri u r-raffinaturi. Huwa għandu interess leġittimu li jippreżenta t-talba.

2. Stat membru jew pajjiż terz

Franza

3. Intestatura fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott affettwata mill-emenda/i

- Isem il-prodott
- Deskrizzjoni tal-prodott
- Żona ġeografika
- Prova tal-oriġini
- Metodu ta' produzzjoni
- Rabta
- Tikkettar
- Oħrajn: formulazzjoni tar-rabta, monitoraġġ

⁽¹⁾ ĠUL 343, 14.12.2012, p. 1.

4. Tip ta' emenda

- Emenda għall-Ispesifikazzjoni ta' DPO jew IĠP irreġistrata li ma tikkwalifikax bħala minuri skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012
- Emenda għall-Ispesifikazzjoni ta' DPO jew IĠP irreġistrata li ma jkun ġie rreġistrat l-ebda Dokument Uniku (jew ekwivalenti) għaliha u li ma tikkwalifikax bħala minuri skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012

5. Emenda/i

Deskrizzjoni tal-prodott

Sabiex jiġi deskritt aħjar il-prodott, qed tinġieb ukoll id-deskrizzjoni organolettika ta' "Rocamadour". Barra minn hekk, sabiex tiġi żgurata l-konsistenza bejn it-taqsimiet tad-"Deskrizzjoni tal-prodott" fl-ispesifikazzjoni u fid-dokument uniku, qed tinġieb ukoll l-ispesifikazzjoni "imtarza" b'referenza għall-qoxra tal-ġobon.

Prova tal-orijini

Rigward il-bidliet leġiżlattivi u regolatorji nazzjonali, it-taqsimi "Evidenza li turi li l-prodott ġej miż-żona ġeografika" ġiet ikkonsolidata biex tiġbor, b'mod partikolari, l-obbligi tar-rappurtar u ż-żamma tar-reġistri dwar it-traċċabilità tal-prodott u l-monitoraġġ tal-kundizzjonijiet tal-produzzjoni.

B'mod partikolari hija prevista awtorizzazzjoni tal-operaturi li tirrikonoxxi l-kapaċità tagħhom li jissodisfaw l-eżiġenzi tal-ispesifikazzjonijiet tal-marka li minnha jieħdu l-benefiċċji. Barra minn hekk, din l-intestatura fiha xi żidiet ta' diversi dispożizzjonijiet relatati mar-reġistri u mad-dokumenti ta' dikjarazzjoni li jippermettu li jiġu żgurati t-traċċabilità u l-verifika ta' konformità tal-prodotti mar-rekwiżiti tal-ispesifikazzjonijiet.

Fl-aħħar nett, qed jiġi ċċarat li għandhom isiru kontrolli permezz ta' kampjuni fl-aħħar tal-perjodu ta' staġonatura.

Metodu ta' produzzjoni

Sabiex jiġu ċċarati ċerti dispożizzjonijiet tal-metodu ta' produzzjoni, jiddaħħlu xi preċiżjonijiet:

— Qed jiġi indikat li t-terminu "mogħża" jirreferi għall-mogħoż kollha li jkunu welldu mill-inqas darba. Din il-kjarifika tiffaċilita l-proċeduri ta' kontroll.

— Sabiex id-deskrizzjoni tal-kundizzjonijiet tal-għalf għall-mogħoż tkun aktar preċiża, qed jiġi indikat li:

— il-mergħat jinkludu ix-xaġhri, il-boskijiet u l-imsaġar;

— il-proporzjon ta' għalf imnixxef li jingħata lill-mogħoż ma għandux jaqbeż l-20 % tal-materja niexfa totali.

Barra minn hekk, jiġu elenkati l-għalf u l-konċentrati ta' ikel awtorizzati. Fl-aħħar nett, l-iskadenza għall-proj-bizzjoni tal-għalf iffermentat, li issa għadda ż-żmien tagħha, ġiet imħassra.

— Id-dispożizzjoni relatata mal-possibbiltà li jingħataw derogi temporanji f'ċirkostanzi eċċezzjonali ġiet imħassra billi m'għadhiex adegwata.

— Il-prodotti transġeniċi huma pprojbiti fl-għalf tal-annimali u lanqas ma jistgħu jiġu kkultivati fl-azjendi agrikoli. Dan isir biex ir-rabta mal-art u l-metodi tradizzjonali tal-għalf tal-annimali jiġu ppreservati.

— Il-metodi ta' fertilizzazzjoni qed jiġu speċifikati għall-irqajja ta' art maħsuba biex jipproduċu ikel għall-mogħoż. Dan huwa minħabba li l-fertilizzanti organiċi jistgħu jibdlu l-kompożizzjoni tal-flora fiż-żoni tal-ikel u l-mergħat. Għalhekk, li jiġu stabbiliti metodi speċifiċi jippermetti li tinżamm id-diversità naturali tal-flora u b'hekk tiġi ppreservata r-rabta maż-żona ġeografika:

"L-uniċi fertilizzanti organiċi awtorizzati huma l-kompost, id-demel, id-demel likwidu, id-demel likwidu ta' oriġini agrikola u l-likwidu tat-prodotti sekondarji tal-ipproċessar tal-ġobon. Huma permessi wkoll il-fertilizzanti organiċi ta' oriġini mhux agrikola bħall-ħama tad-drenaġġ, jew prodotti sekondarji, u l-iskart aħdar. Iżda dawn huma soġġetti għall-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni tal-fertilizzanti kif jidher hawn taħt. Il-fertilizzanti joriġinaw miż-żona ġeografika.

Kull applikazzjoni ta' fertilizzant organiku li m'hijiex agrikola tkun suġġetta għal monitoraġġ analitiku fuq bażi ta' lott b'lott: tagħbija ta' trakk, tank mimli, eċċ. L-analiżi tinvolvi l-mikrobi patoġeniċi, il-metalli tqal u l-komposti organiċi ta' traċċa koperti mil-leġislazzjoni.

L-applikazzjoni tal-fertilizzanti organiċi ta' oriġini mhux agrikola hija awtorizzata fir-raba' tal-azjenda agrikola, iżda bi dfin immedjat, u skont ir-regolamentazzjoni fis-seħħ fir-rigward tal-limitazzjonijiet partikolari (dati, perimetri protetti, eċċ.), fir-rigward tal-kwantitajiet...”.

- Qed jiġi indikat li l-ħlib iseħħ darbtejn kuljum f'maħleb fejn jinħalbu l-mogħoż. Espert approvat jikkontrolla t-tħaddim tat-tagħmir tal-ħlib.
- Il-kundizzjonijiet ta' ħażna għall-baqta skulata huma speċifikati sabiex tiġi ppreżervata l-kwalità tagħhom. Il-baqta tista' tiġi ppreżervata fil-bini tal-produttur għall-użu fil-futur jew qabel l-iffriżar jew il-kunsinna lill-produttur artiġjanali. Il-ħażna trid tkun f'temperatura ta' inqas minn 6 °C sa massimu ta' 72 siegħa. Il-baqta kkunsinata lill-produttur artiġjanali trid tintuża fi żmien 48 siegħa mill-kunsinna.
- Il-kundizzjonijiet għall-iffriżar tal-baqta huma speċifikati sabiex tiġi standardizzata l-prattika.

Suġġett għal eżenzjoni tas-saħħa maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti, il-baqta tista' tiġi ffriżata wara l-iskular u qabel it-tmelih. Dan għandu jsir fi żmien 72 siegħa mit-tlestija tal-proċess ta' skular. Il-baqta tiġi ffriżata fi blokko ta' mhux aktar minn 5 cm. Dawn il-blokko ma jridux imissu ma xulxin matul l-iffriżar sabiex l-ajra tkun tista' tiċċirkola madwarhom. Għandhom jilhqqu temperatura ta' -12 °C fil-qalba tagħhom f'inqas minn 12-il siegħa.

Jekk jintużaw freezers domestiċi għall-iffriżar jew l-ħażna tal-baqta, dawn għandhom ikunu fil-maħleb jew f'anness b'aċċess dirett għall-maħleb. F'dan il-każ, għandu jkun hemm mill-inqas friża waħda għall-iffriżar u oħra għall-ħażna. Dawn il-freezers jinżammu esklużivament għall-ħażna u l-iffriżar tal-baqta. M'għandu jkun fihom ebda oġġett tal-ikel ieħor.

Il-baqta ffriżata tista' tinżamm għal perjodu massimu ta' 10 xhur.

L-iffriżar iseħħ fil-bini tal-produttur, tal-artiġjan jew f'maħżen tal-friża. Meta l-iffriżar iseħħ f'maħżen tal-friża, il-baqta għandha tiġi ppakkjata fil-bini tal-manifattur qabel l-esportazzjoni.

- Rigward il-klorur tas-sodju, il-proporzjon ivarja minn 0,6 sa 0,8 % tal-piż tal-baqta. Sabiex jiġi ffaċilitat il-monitoraġġ, qed jiġi speċifikat li dan japplika għall-klorur tas-sodju miżjud aktar milli għall-ammont totali.
- Qed jiġi indikat li l-maturazzjoni sseħħ fil-bini intiż għal dak l-iskop biex tiġi ppreżervata l-flora naturali speċifika meħtieġa għall-iżvilupp tal-kwalitajiet organolettiċi tar-“Rocamadour”.

Tikkettar

Ir-referenzi għad-denominazzjoni ta' oriġini kkontrollata tħassru. Iddaħħal ir-rekwiżit li jiġu inklużi d-dikjarazzjoni “Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta” u s-simbolu “DOP” tal-Unjoni Ewropea.

Oħrajn

Il-preżentazzjoni tat-taqsima “rabta” tgiebet biex toħroġ aħjar ir-rabta bejn il-karatteristiċi tar-“Rocamadour”, iż-żona ġeografika u l-għarfien Prattiku lokali.

Għal dak li huwa monitoraġġ tal-konformità mal-ispeċifikazzjonijiet għad-DPO tar-“Rocamadour”, qed jiġi indikat li dan iseħħ skont skema ta' monitoraġġ maħluqa minn korp ta' spezzjoni. Id-dettalji ta' kuntatt tal-korpi ta' spezzjoni ġew aġġornati.

Fid-dawl tat-tibdil fil-leġislazzjoni u fir-regoli nazzjonali, it-taqsima “Rekwiżiti nazzjonali” issa fiha tabella li tindika l-punti ewlenin li għandhom jiġu vverifikati, il-valuri ta' referenza tagħhom u l-metodi ta' valutazzjoni li għandhom jintużaw.

DOKUMENT UNIKU

“ROCAMADOUR”

Nru tal-UE: FR-PDO-0305-01275 – 12.11.2014

DPO (X) IĠP ()

1. Isem

“Rocamadour”

2. Stat Membru jew pajjiż terz

Franza

3. Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel

3.1. Tip ta' prodott

Klassi 1.3 Ġobnijiet

3.2. Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem f(1)

Ir-“Rocamadour” huwa ġobon ċkejken magħmul mill-ħalib sħiħ tal-mogħoż mhux ipproċessat. Huwa ġobon artab, li jaqgħad bil-mod b'qoxra soda, imtarza u xi ftit bellusija. Il-kulur krema tiegħu jkangji fil-beige skur.

Il-ġobnijiet individwali jinbigħu f'forma ċilindrika ċċattjata u jiżnu madwar 35 g.

Il-kontenut ta' xaħam huwa 45 % wara t-tnixxif totali. Il-piż totali bħala materja niexfa ma jistax ikun inqas minn 14 g għal kull ġobna. Il-perjodu totali ta' staġunatura jrid ikun ta' mill-inqas sitt jjiem li jibded minn meta l-ġobnijiet jinħarġu mill-forom.

Il-konsistenza mhix iebša. Il-ġobna ċċedi kemxejn bi ftit pressjoni tal-id. Ir-“Rocamadour” huwa kremuż fil-ħalq, li jfisser li jinħall malajr u jħalli kisja fil-ħalq. Huwa wkoll artab. L-istruttura tal-qoxra hija bħal dik tal-ġobna nnifisha b'konsistenza simili fil-ħalq.

3.3. Għalf (għall-prodotti li joriġinaw mill-annimali biss) u materja prima (għall-prodotti pproċessati biss)

L-għalf totali ta' kuljum fih mill-inqas 80 % tas-sustanzi tal-ikel prodotti fiż-żona ġeografika. Ir-riżorsi agrikoli lokali mhumiex biżżejjed biex jilhqgħu l-bżonnijiet kollha tal-annimali.

L-għalf huwa magħmul minn ħaxix, ħuxlief minn mergħat permanenti u temporanji, tiben u kultivazzjonijiet għall-għalf annwali, esklużi l-pjanti kruċiferi. Il-proporzjon ta' għalf innixxef li jingħata lill-mogħoż ma jridx jaqbeż l-20 % tal-materja niexfa totali.

Mhux permess li jingħata għalf iffermentat lill-mogħoż.

Il-proporzjon tal-konċentrati alimentari inklużi fl-għalf tal-mogħoż kuljum irid ikun inqas minn 30 % tal-materja niexfa totali. Il-konċentrati alimentari awtorizzati jidhru f'lista pożittiva.

Fl-għalf tal-annimali huma awtorizzati biss il-pjanti, il-prodotti sekondarji u l-għalf supplimentari derivati minn prodotti mhux transġeniċi.

Il-kultivazzjoni tal-għelejjel transġeniċi hija pprojbita f'kull żona tal-azjendi agrikoli li jipproduċu l-ħalib maħsub għall-ipproċessar f'ġobon bid-denominazzjoni ta' oriġini “Rocamadour”. Din il-projbizzjoni tapplika għat-tipi kollha ta' pjanti li jingħataw bħala għalf lill-annimali fl-azjenda u għall-għelejjel kollha li jistgħu jikkontaminaw pjanti bħal dawn.

Il-ħalib jinkiseb mill-ħalib tal-mogħża li ġej biss mill-merħliet ta' razza Alpina jew Saanen, jew minn taħlit ta' dawn iż-żewġ razzez.

Minbarra l-materja prima tal-ħalib, l-uniċi ingredjenti jew prodotti sekondarji jew addittivi awtorizzati fil-ħalib, u waqt il-produzzjoni, huma t-tames, il-kulturi innoċensivi tal-batterji, il-ħmira, il-moffa u l-melħ.

3.4. Passi speċifiċi tal-produzzjoni li jridu jsiru fiż-żona ġeografika ddefinita

Il-produzzjoni tal-ħalib, il-manifattura u l-istaġunatura tal-ġobnijiet isiru fiż-żona ġeografika.

3.5. Regoli speċifiċi dwar it-tqattigħ, it-takkik, l-ippakkjar, eċċ. tal-prodott li għalih japplika l-isem

—

3.6. Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar tal-prodott li għalih japplika l-isem

Il-ġobnijiet “Rocamadour” għandhom tikketta ta’ daqs ta’ mill-inqas 4 cm dijametru bl-isem tad-denominazzjoni ta’ oriġini “Rocamadour”, id-dikjarazzjoni “denominazzjoni protetta tal-oriġini” u s-simbolu DOP tal-Unjoni Ewropea.

Madankollu, gruppi ta’ diversi ġobnijiet fl-istess pakkett u ppakkjati fuq is-sit tal-produzzjoni jista’ jkollhom tikketta waħda biss, kemm-il darba dawn ikunu ser jinbiegħu lill-konsumatur finali fit-taqsim tas-self service tal-bejjiegħa kbar bl-imnut.

Barra minn dan, fil-każ ta’ bejgħ dirett li jsir mill-produttur jew minn kwalunkwe persuna oħra taħt ir-responsabilità tagħhom, mill-azjenda jew fis-suq, kull unità tal-ġobon irid ikollha tal-anqas tikketta waħda. Mhux biss, iżda l-istand tal-bejgħ irid ikollu sinjal li jindika: l-isem tal-produttur u/jew tar-raffinatur, l-indirizz tal-post tal-produzzjoni u/jew tal-irfinar, l-isem tad-denominazzjoni, il-frażi “denominazzjoni tal-oriġini protetta”.

4. Deskrizzjoni fil-qosor taż-żona ġeografika

Iż-żona ġeografika tinfirex fuq iż-żona msejja “des Causses” fiċ-ċentru tad-dipartiment tal-Lot li parti minnu biss hija kkonċernata, imma li jkopri wkoll parti mid-dipartimenti tal-Aveyron, tal-Corrèze, tad-Dordogne u tat-Tarn et Garonne.

Id-Dipartiment tal-Aveyron: il-muniċipalitajiet ta’ Ambeyrac, Balaguier-d’Olt, La Capelle-Balaguier, Causse-et-Diège, Foissac, Martiel, Montsalès, Ols-et-Rinhodes, Sainte-Croix, Salvagnac-Cajarc, Saujac, Villeneuve.

Id-Dipartiment tal-Corrèze: il-muniċipalitajiet ta’ Charrier-Ferrière, Chasteaux, Estivals, Nespouls, Turenne.

Id-Dipartiment tad-Dordogne: il-muniċipalitajiet ta’ Archignac, Borrèze, La Cassagne, Cazoulès, Chavagnac, La Dornac, Jayac, Nadaillac, Orliaguet, Paulin, Peyrillac-et-Millac, Saint-Amand-de-Coly, Salignac-Eyvignes.

Id-Dipartiment tal-Lot: il-muniċipalitajiet ta’ Cahors Nord-Ouest, Cahors Nord-Est, Cahors Sud, Cajarc, Catus, Gramat, Labastide-Murat, Lauzès, Limogne-en-Quercy, Livernon, Luzech, Martel, Saint-Germain-du-Bel-Air, Saint-Géry, Souillac et les communes de Albiac, Anglars (dik il-parti biss tal-muniċipalità li tinsab fil-punent tal-linja ffurmata mir-route départementale 940 u mix-xmara żgħira ta’ Lascurades), Anglars-Nozac, Arques, Aujols, Autoire, Aynac, Bach, Bagat-en-Quercy, Bédier, Belmontet, Belmont-Sainte-Foi, Le Boulvé, Le Bourg (dik il-parti biss tal-muniċipalità li tinsab fil-punent tal-linja ffurmata mir-route nationale 140 u r-route départementale 940), Calès, Carennac, Cézac, Cieurac, Condat, Cremps, Dégagnac, Escamps, Fajoles, Fargues, Faycelles, Flaujac-Poujols, Floressas, Gindou, Gintrac, Gourdon, Grézels, Issendolus, Laburgade, Lacapelle-Cabanac, Lacapelle-Marival (dik il-parti biss tal-muniċipalità li tinsab fil-punent tal-linja ffurmata mir-route départementale 940 u r-route départementale 218), Lalbenque, Lamothe-Fénelon, Lascasbanes, Lavercaitière, Lhospitalet, Loubressac, Loupiac, Mauroux, Mayrinhac-Lentour, Nadaillac-de-Rouge, Payrac, Les Quatre-Routes, Reilhaguet, Pern, Prudhomat, Rampoux, Le Roc, Rouffilhac, Rudelle, Rueyres, Saignes, Saint-Cirq-Souillaguet, Saint-Clair, Saint-Jean-Lagreste, Saint-Jean-Lespinasse, Saint-Matré, Saint-Michel-Loubéjou, Saint-Médard-de-Presque, Saint-Pantaléon, Saint-Projet, Salviac, Saux, Sérignac, Strenquels, Thédiac, Thémines, Théminettes, Touzac, Vaylats, Le Vigan,

Id-Dipartiment ta’ Tarn-et-Garonne: il-muniċipalitajiet ta’ Caylus, Lacapelle-Livron, Loze, Saint-Projet.

5. Rabta maż-żona ġeografika

5.1. Speċifiċità taż-żona ġeografika

(a) L-element naturali:

Id-denominazzjoni tal-oriġini tkopri ż-żoni agrikoli ta’ Causses u l-widien ta’ Lot, Dordogne u Cele, il-parti tal-lvant ta’ Bouriane, il-punent ta’ Limargue u t-tramuntana ta’ Quercy Blanc u l-Causses Quercy. Hija kkaratterizzata prinċipalment minn sottostrat ta’ franka b’hofoer u xquq li minnhom jiskulaw l-ilmijiet kollha.

Dan is-sottostrat jagħti liż-żona dehra ta’ deżolazzjoni u nixfa b’ħamrija fqira.

Il-veġetazzjoni naturali ta' din iż-żona hija ddominata b'mod ċar mis-sensjela ta' siġar tal-ballut żgħażgħ karatteristiċi taż-żoni niexfa u kalkarji. Dan jirriżulta f'pajsaġġ li huwa fil-biċċa l-kbira tiegħu għeri, li fih jalternaw boskijiet baxxi ta' siġar u rqaġja irregolari ta' ħaxix irqiq u niexef, li jikbru prinċipalment fuq il-pjanura għolja kalkarja. Fejn jikbru l-arbuxxelli u l-ħaxix fis-sajf, il-veġetazzjoni ġeneralment tkun irqiqa u niexfa.

(b) L-element uman:

Ir-“Rocamadour” huwa fost l-eqdem mill-prodotti ta' orijini lokali fid-dipartiment tal-Lot u ż-żona tal-madwar tagħha. Dan huwa ppruvat permezz ta' kuntratt ta' kiri storiku bejn is-sovran taż-żona, l-Isqof ta' Evreux, u l-vassalli tiegħu. Bid-data tal-1451, il-kuntratt jstabbilixxi d-deċmu li kellu jitħallas f'ġobon bl-isem ta' “ġobon ta' Rocamadour”.

Sal-ġurnata tal-lum, l-għarfien tal-produtturi tar-“Rocamadour” huwa evidenti tul il-proċess ta' manifattura.

Bħala tali, il-biċċa l-kbira tal-għalf li jingħata lill-mogħoż ġej miż-żona ġeografika. L-użu ta' għalf u koncentratu ta' ikel imnixxef huwa limitat. Tabilħaqq l-għalf prodotti fiż-żona ġeografika jaħti għal tal-inqas 80 % tad-dieta.

Il-produtturi jużaw biss ħalib tal-mogħoż mhux ipproċessat sħiħ. Il-ħalib jiġi soġġett għal kaljatura rapida wara li jitħalla jimmatura, segwit minn koagulazzjoni lattika kajmana għal mill-inqas 20 siegħa. Imbagħad jitħalla jixxotta b'mod naturali u bil-mod biex jipproduċi baqta niedja b'aktar minn 31 % ta' materja niexfa meta jitqiegħed fil-forom.

Wara dan, jitħallat il-melħ mal-massa tal-baqta, li mbagħad titqiegħed f'forom żgħar ta' 60 mm dijametru u 16 mm għoli.

L-istadju ta' produzzjoni li jmiss hija l-maturazzjoni. Dan jinkludi l-istadju tat-tnixxif ta' 24 siegħa b'temperatura relattivament għolja. Il-prodott imbagħad jitqiegħed fil-kamra tas-sajran taħt kundizzjonijiet speċifiċi ta' temperatura u umdità.

5.2. *Speċifità tal-prodott*

Ir-“Rocamadour” huwa ġobon tond u żgħir magħmul mill-ħalib sħiħ mhux pasturizzat tal-mogħża, li jiżen madwar 35 g. Il-piż ta' materja niexfa huwa ftit li xejn: minimu ta' 14 g għal kull ġobna.

Għandu qoxra bellusija.

Fil-ħalq ir-“Rocamadour” huwa kremuż u l-qoxra għandha l-istess konsistenza ratba bħall-ġobna.

5.3. *Ir-rabta każwali bejn iż-żona ġeografika u l-kwalità jew il-karatteristiki tal-prodott (għad-DPO) jew il-kwalità speċifika, ir-reputazzjoni jew il-karatteristiki l-oħra tal-prodott (għall-IĠP)*

Iż-żona ġeografika, ikkaratterizzata min-nixfa, hija tajba għat-trobbija tal-mogħoż. Il-metodi tat-trobbija użati għall-produzzjoni tal-ħalib biex minnu jsir il-ġobon “Rocamadour” jagħtu prijorità lill-għalf miż-żona ġeografika. Din id-dieta hija rikka fil-foraġġ u għalhekk tipproduċi ħalib bi flora oriġinali, li tiġi ppreżervata għax jintuża ħalib mhux ipproċessat għall-produzzjoni tal-ġobon.

Il-Geotrichum, b'mod partikolari, jagħti dehra bellusija lir-“Rocamadour”. L-iskular naturali u bil-mod, flimkien mat-temperatura u l-umdità fil-kmamar tas-sajran, jipproduċu baqta relattivament niedja. Dan jiffavorixxi l-iżvilupp tal-Geotrichum.

L-iskular u s-sajran iseħħu f'żewġ fażijiet suċċessivi u l-materja niexfa baxxa fil-prodott finali hija riżultat ta' dan.

Il-kundizzjonijiet ta' skular u sajran jikkontribwixxu wkoll għall-iżvilupp taż-żona tal-wiċċ tal-qoxra u tal-konsistenza ratba, kremuża u omoġenja mill-qoxra sal-qalba tar-“Rocamadour”, u anke dan jista' jiġi attribwit għall-użu tal-ħalib sħiħ.

Il-forma tonda u ċatta u l-piż ħafif tar-“Rocamadour” huma r-riżultat tal-użu tradizzjonali ta' forom b'dijametru u għoli speċifiċi.

Il-firxa sħiħa tal-karatteristiċi taż-żona ġeografika, kif ukoll il-fatturi naturali u umani, huma determinanti għall-produzzjoni tar-“Rocamadour”.

Referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni

(it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament ^(?))

https://info.agriculture.gouv.fr/gedei/site/bo-agri/document_administratif-ab406329-e35e-4155-adb7-c276fbba1221/telechargement

^(?) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 1.

Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni għal emenda skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agricoli u oġġetti tal-ikel

(2015/C 145/10)

Din il-pubblikazzjoni tikkonferixxi d-dritt ta' oppożizzjoni għall-applikazzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾.

APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA MHUX MINURI GĦALL-ISPEĊIFIKAZZJONI TA' PRODOTT TA' DENOMINAZZJONI PROTETTA TA' ORIĠINI/INDIKAZZJONIĠEOGRAFIKA PROTETTA

APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA F'KONFORMITÀ MAL-EWWEL SUBPARAGRAFU TAL-ARTIKOLU 53(2) TAR-REGOLAMENT (UE) Nru 1151/2012

“ZGORNJESAVINJSKI ŽELODEC”

Nru tal-UE: SI-PGI-0105-01140-31.7.2013

DPO () IĠP (X)

1. Grupp applikant u interess leġittimu

Assoċjazzjoni tal-Produtturi taz-Zgornjesavinjski Želodec
Rečica ob Savinji 55
SI-3332 Rečica ob Savinji
SLOVENIJA
Tel. +386 38390910

L-emenda ġiet proposta mill-istess grupp ta' produtturi li ppreżentaw l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni taz-“Zgornjesavinjski želodec”.

2. Stat Membru jew pajjiż terz

Is-Slovenja

3. Intestaturi fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott affettwati mill-emenda/i

- Isem il-prodott
- Deskrizzjoni
- Żona ġeografika
- Prova tal-orijini
- Metodu ta' produzzjoni
- Rabta
- Tikkettar
- Oħrajn

4. Tip ta' emenda/i

- Emenda għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott ta' DPO jew IĠP reġistrat li ma tiġix ikkwalifikata bħala minuri skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012.
- Emenda mhux minuri għall-ispeċifikazzjoni ta' prodott ta' DPO jew IĠP reġistrata, li għalih ma ġiex ippublikat Dokument Uniku (jew ekwivalenti) skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012.

5. Emendi

1. Deskrizzjoni

- Il-proporzjon bejn il-laħam u x-xaħam preżenti qed jiġi mibdul. Il-proporzjon attwali “bejn 85:15 u 80:20” huwa emendat biex ikun hemm “minimu ta' 75 % laħam u massimu ta' 25 % xaħam”.

⁽¹⁾ ĠUL 343, 14.12.2012, p. 1.

Il-proporzjon ta' laħam u xaħam propost reċentement huwa bbażat fuq iktar minn għoxrin sena ta' analiżi organolettiċi fuq iż-"Zgornjesavinjski želodec" imwettqa minn panel apposta ta' esperti. Instab li biex jiġu żgurati d-dehra, il-kulur u l-aroma xierqa ta' biċċa "Zgornjesavinjski želodec", il-proporzjon ottimali bejn laħam u xaħam huwa mill-inqas 75 % laħam u mhux aktar minn 25 % xaħam.

- Il-piż finali tal-prodott huwa rivedut minn "mill-inqas 0,7 kg" għal "mill-inqas 0,6 kg" u l-ħxuna taz-"želodec" minn "3–5 cm" għal "2,5–3,5 cm".

Ir-raġuni għal din il-bidla hija ż-żieda fid-domanda tal-konsumaturi għal prodotti irraq u kemxejn iżgħar.

2. Metodu ta' produzzjoni

- Il-bidla fil-proporzjon ta' laħam għax-xaħam u l-piż rivedut tal-prodott finali għandhom jitqiesu wkolltaht dan il-punt.

- Il-piż ta' "želodec" frisk li jkun għadu kemm imtela huwa rivedut minn "bejn 1,3 kg u 2,5 kg" għal "bejn 1,2 kg u 4 kg".

Il-piż tal-prodott mhux ipproċessat huwa mnaqqas minħabba t-tnaqqis tal-piż minimu tal-prodott finali. Il-piż massimu miżjud approvat ta' "želodec" mhux ipproċessat huwa propost biex jissodisfa l-ħtiġijiet ta' stabbiliti tal-ikel għal prodotti ta' daqs ikbar (sabiex jitnaqqas ir-rimi meta jitneħħew it-trufijiet).

- It-temperaturi għat-tnixxif/maturazzjoni tnaqqsu minn "12-18-il C" għal "6-16-il °C". It-terminu "kašċa" u l-frażi "u l-umdità relattiva bejn 60 % u 80 %" huma mħassra.

Minħabba t-temperaturi medji fil-faċilitajiet fejn jitnixxef iż-"Zgornjesavinjski želodec", li huma fil-biċċa l-kbira dovuti għal kundizzjonijiet tat-temp varjabbli, it-temperatura għat-tnixxif titnaqqas filwaqt li jiżdied l-intervall tat-temperatura. It-terminu "kašċa" m'għadux jintuża biex jindika l-faċilitajiet fejn il-laħam jiġi mnixxef. Titħassar l-informazzjoni dwar l-umdità ambjentali relattiva fil-faċilitajiet peress li prinċipalment jiġu mmonitorjati t-tnixxif u l-umdità tal-prodott.

- Iż-żmien ta' tnixxif/maturazzjoni huwa mibdul minn "tliet xhur sa ħames xhur" għal "mill-inqas tliet xhur".

Dan minħabba l-esperjenza Prattika tal-produtturi taz-"Zgornjesavinjski želodec", li tirriżulta mill-kundizzjonijiet varjabbli tat-temp.

- L-informazzjoni dwar telf fil-piż hija mibdula minn "mill-inqas 36 %" għal "mill-inqas 40 %".

Il-bidliet huma frott id-domanda tal-konsumaturi għal prodotti li huma aktar immaturati u mnixxfa.

3. Rabta

Abbażi ta' fatti storiċi, l-isem "George VI" jinbidel għal "George V".

Wara stedina mir-Re Alessandru I tal-Jugoslavja, il-monarka Brittanniku, ir-Re George V (li baqa' jirrenja sa mewtu fl-1936), żar il-wied ta' Logarska Dolina fl-1932 jew fl-1933. Minħabba li r-Re Alessandru inqatel f'Marsilja fl-1934, huwa ċar li ma seta' qatt ospita lir-Re George VI fil-Wied Logarska.

4. Tikkettar

B'riżultat ta' bidliet fil-leġiżlazzjoni tal-UE, l-espressjoni "Simbolu Komunitarju" hija sostitwita bl-espresjoni "Simbolu tal-UE" u l-kliem "jew abbrevjazzjoni xierqa" huma miżjudha mad-dikjarazzjoni "indikazzjoni ġeografika protetta". Barra minn hekk, tiżdied stampa tal-logo għat-tikkettar taz-"Zgornjesavinjski želodec", li s'issa dehret biss fl-ispeċifikazzjoni.

DOKUMENT UNIKU

"ZGORNJESAVINJSKI ŽELODEC"

Nru tal-UE: SI-PGI-0105-01140-31.7.2013

DPO () IĠP (X)

1. Isem

"Zgornjesavinjski želodec"

2. Stat Membru jew pajjiż terz

Is-Slovenja

3. Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel

3.1. Tip ta' prodott

Klassi 1.2. Prodotti tal-laħam (imsajra, immelħa, affumikati, eċċ)

3.2. Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem f(1)

“Zgornjesavinjski želodec” (plural: “želodci”) huwa prodott tal-laħam mnixxef bl-arja/immaturat, magħmul minn laħam tal-majjal ta' kwalità għolja (il-koxxa, l-ispalla) u xaħam sod tad-dahar. Melħ u ħwawar huma mħallta mal-mili tal-laħam, li mbagħad jitqiegħed fi ġlud naturali, bħalma huma stonki u bżieżaq tal-awrina tal-majjal jew imsaren taċ-ċanga (musrana l-għamja), jew ġlud permeabbli artifiċjali. Il-prodott jieħu l-isem tiegħu mill-prattika tradizzjonali fejn il-mili jitqiegħed fi ġlud naturali, prinċipalment l-istonki tal-majjali.

“Zgornjesavinjski želodec” jikkonsisti f'laħam u xaħam fi proporzjon ta' mill-inqas 75 % laħam u massimu ta' 25 % xaħam. Tewm, bżar, melħ u zokkor huma wkoll miżjuda. Mhux permess l-użu ta' nitriti, nitrati u addittivi oħra. Il-kontenut ta' melħ huwa inqas minn 7 %.

Iż-“želodec” imnixxef għandu forma tonda jew rettangolari. Jiżen mill-inqas 0,6 kg u, minħabba l-ippressar, għandu forma karatteristikament ċatta u ħxuna ta' bejn 2,5 cm u 3,5 cm. Il-ġilda li tkoprih hija lixxa, stirata sew mal-mili u mgħottija b'moffa karatteristika ta' lewn griż fil-kannella, tal-ġeneru tal-Penicillium.

Din il-forma ċatta tfisser li z-“Zgornjesavinjski želodec” imfettet ikollu forma irqiqa u twila. Karatteristika distintiva taz-“Zgornjesavinjski želodec” hija l-*aroma* aċċentwata tiegħu, ikkumplimentata biż-żieda ta' ħwawar li ma jhonqux l-aromi bażiċi tal-laħam immaturat u x-xaħam.

Il-konsistenza hija kemxejn soda u tajba għat-tqattigħ f'fetet. Il-fetet għandhom “mużajk” karatteristiku u rikonoxxibbli magħmul mill-kulur aħmar fir-roża tal-laħam u mill-lewn abjad għal abjad ċar tal-biċċiet tal-bejken li huma partikolarment viżibbli. Fuq il-palat il-fetet huma rotob u jiddiżintegraw malajr.

3.3. Għalf (għall-prodotti li joriġinaw mill-annimali biss) u materja prima (għall-prodotti pproċessati biss)

“Zgornjesavinjski želodec” huwa magħmul bl-użu ta' laħam tal-majjal ta' kwalità għolja (il-koxxa u l-ispalla) u xaħam sod tad-dahar ġej minn razez użati għal-laħam tal-majjal u r-razez imħalltin tagħhom.

3.4. Passi speċifiċi tal-produzzjoni li jridu jsiru fiż-żona ġeografika ddefinita

Il-produzzjoni taz-“Zgornjesavinjski želodec” (l-ikkapular tal-laħam, it-tqattigħ tax-xaħam tad-dahar, it-tħejjija tal-mili u l-mili taz-“želodci”), kif ukoll it-tnixxif/il-maturazzjoni taz-“želodci”, għandhom isiru fiż-żona ġeografika ddefinita.

3.5. Regoli speċifiċi dwar it-tqattigh, it-taħkik, l-ippakkjar, eċċ.

—

3.6. Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar

Il-prodotti ċertifikati huma ttikkettati bl-isem “Zgornjesavinjski želodec”, id-dikjarazzjoni “indikazzjoni ġeografika protetta” jew abbrevjazzjoni xierqa, is-simbolu tal-UE li jikkorrispondi, is-simbolu nazzjonali tal-kwalità u l-logo taz-“Zgornjesavinjski želodec”. L-użu tal-logo huwa obligatorju għall-forom kollha kkummerċjalizzati taz-“želodec”.



4. Deskrizzjoni fil-qosor taż-żona ġeografika

L-indikazzjoni ġeografika protetta hija applikata biss għaż-“želodec” magħmul fin-naħa ta' Fuq tal-Wied Savinja. Fit-Tramuntana, il-fruntiera ta' din iż-żona timxi tul ix-xifer ta' Olševa, imbagħad matul ix-xifer tal-gholjet ta' Smrekovško Pogorje. Min-Nofsinhar, tgħaddi tul il-quċċati ta' Dobrovlje u Menina, li jisseparaw in-naħa ta' Fuq ta-Wied Savinja min-naħa ta' Isfel tal-Wied Savinja u l-Wied Tuhinjska. Lejn il-Punent, il-fruntiera tgħaddi mill-passaġġ ta' Črnivec, u tibqa' sejra sa Kranjska Reber, il-medda ta' Velika Planina u mill-passaġġ ta' Presedlaj sa Ojstrica. Minn hemm tkun tista' tiġi traċċata flimkien max-xifer ta' Grintavec sa Skuta u mbagħad lejn it-Tramuntana sal-muntanja Mrzla Gora. Hawnehk tiltaqa' mal-fruntiera tas-Slovenja mal-Awstrija, li tgħaddi mit-Tramuntana lejn Pavličevo Sedlo, imbagħad tikser lejn il-Lvant u lura lejn Olševa.

5. Rabta maż-żona ġeografika

Il-protezzjoni taz-“Zgornjesavinjski želodec” hi bbażata fuq il-fama tajba tiegħu. Il-karatteristika ewlenija taz-“Zgornjesavinjski želodec” hija l-metodu tradizzjonali tal-produzzjoni. Prodotti oħrajn tal-laħam immixxef li ġeneralment huma prodotti f'żoni oħra tas-Slovenja, huma prinċipalment zalzett u salami artiġanali. Iżda f'dan ir-reġjun imdawwar kollu kemm hu mill-muntanji, ir-riċetta taz-“želodec” awtentiku għet mgħoddija minn ġenerazzjoni għall-oħra għal sekli sħaħ. Il-produzzjoni taz-“želodec” taf il-bidu tagħha fil-parti muntanjuża tal-Wied Savinja ta' Fuq. Probabbli, l-ewwel ħjiel uffiċjali tal-produzzjoni taz-“Zgornjesavinjski želodec” imur lura għall-bidu tas-seklu dsatax. L-etnografu Jože Lekše kiteb fil-manuskritti tiegħu dwar l-importanza ċerimonjali taz-“želodec”, li kien servut f'okkażjonijiet speċjali, bħal tiġġiet, f'okkażjonijiet ta' funerali jew ċelebrazzjonijiet fil-familja. Fis-seklu 20 iż-“želodec” beda jiġi prodott ukoll fiż-żoni iżjed baxxi u aktar popolati tal-Wied, u dan jidher fost l-oħrajn, permezz ta' riċetta miktuba bl-idejn għall-produzzjoni taz-“želodec” li tmur lura għal madwar l-1930, mir-razzett ta' Logar f'Wied Logarska.

Aleksander Videčnik, awtur li għamel riċerka dwar tradizzjonijiet folkloristiċi u l-ħajja fil-Wied Savinja ta' Fuq, jid-dikjara li matul iżjara lir-Re Alessandru li saret bejn iż-żewġ gwerrer dinjija, ir-Re Britanniku George V jingħad li żar il-Wied Logarska (parti mill-Wied Savinja ta' Fuq), fejn it-tnejn li huma daqu iż-“Zgornjesavinjski želodec”. Jingħad li tant għoġbu li sussegwentement talab li jintbagħatlu fil-Gran Brittanja.

Matul is-snin dan il-prodott sar magħruf bħala speċjalità esklużiva ta' din iż-żona, peress li anke llum għadu wieħed mill-platti ewlenin f'avvenimenti maġġuri, tiġġiet u fil-jiem ta' festi, u fl-Għid il-Kbir in-nies jieħduh magħhom il-knisja biex jitbierek.

Il-karatteristiċi klimatiċi Alpini u pre-Alpini huma kkombinati fiż-żona ġeografika tal-Wied Savinja ta' Fuq. It-tip ta' klima predominanti jiddependi prinċipalment mill-altitudni. Fl-għola żoni nsibu klima Alpina b'temperatura medja li fl-iktar xahaħ tkun inqas minn -3 °C, filwaqt li żoni f'altitudnijiet iżjed baxxi jkollhom klima pre-Alpina moderata. Arja friska muntanjuża tasal fil-wied ta' Savinja u Dreta mill-meded muntanjużi tal-madwar, li jfisser li s-sjuj ma jkunux sħan wisq. Il-ħarifa, bħar-rebbiegħa, hija bierda, filwaqt li normalment ix-xitwa tkun twila u kiesħa. F'dawn il-kundizzjonijiet klimatiċi ġenerali, insibu ukoll mikroklimi lokali (eż. postijiet xemxin jew fid-dell jew widien magħluqa).

Il-karatteristika prinċipali ta' din iż-żona hija li d-differenzi wisgħin fit-temperaturi bejn żoni xemxija u żoni dellija u żoni b'altitudni baxxa u daww b'altitudni għolja joħlqu kurrenti ta' arja lokali li jippermettu li z-“želodec” jinxf b'ċirkolazzjoni ta' arja naturali.

Il-Wied Savinja ta' Fuq għandu mikroklima unika, bosta foresti tal-prinjoli, imdawwar minn għoljiet għolja u volum ta' ilma eċċezzjonalment għoli fix-xmajjar u n-nixxigħat tiegħu. Minbarra l-mikroklima taż-żona inġenerali, il-mikroklima taż-żoni fejn isir it-tnixxif hija wkoll importanti ħafna għat-tnixxif u l-maturazzjoni taz-“želodec”.

L-injam tal-prinjoli, il-ġebel u l-briks huma l-materjali prinċipali użati fil-bini tal-kompartimenti tat-tnixxif tal-barrakki li fihom jtnixxif iż-“želodci”.

Dawn il-kundizzjonijiet komprensivi u speċifiċi għandhom impatt sinifikanti fuq l-operazzjonijiet ta' tnixxif u maturazzjoni taz-“želodci” u fuq it-togħma u l-aroma.

Minbarra l-kundizzjonijiet naturali favorevoli, il-kwalità taz-“želodci” hija parzjalment dovuta għall-persuni, li żviluppaw teknika speċifika għall-preparazzjoni, l-iffurmar u t-tnixxif taz-“želodci” fiż-żona tal-produzzjoni. Iż-“želodci” għadu jiġi prodott bl-użu ta' proċeduri li jirrispettaw it-tradizzjoni, u meta jiġi introdott titjib teknoloġiku, il-forma tipika u l-proprjetajiet sensorjali taz-“želodci” ma jinbidlux. L-ambjent, l-irwejjaħ tal-foresti tal-prinjol, flimkien mal-klima u l-fattur uman, li jinkludi l-esperjenza u l-għarfien speċifiku Prattiku u tekniku, huma essenzjali għall-preparazzjoni taz-“Zgornjesavinjski želodec”.

Referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni

(it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(1) ta' dan ir-Regolament)

http://www.mkgp.gov.si/fileadmin/mkgp.gov.si/pageuploads/podrocja/Varna_in_kakovostna_hrana_in_krma/zasciteni_kmetijski_pridelki/Specifikacije/ZGSAV_-_SPECIFIKACIJA_julij_13.pdf

Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel
(2015/C 145/11)

Din il-pubblikazzjoni tikkonferixxi d-dritt ta' oppożizzjoni għall-applikazzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾.

DOKUMENT UNIKU

“LIČKI KRUMPIR”

Nru tal-UE: HR-PGI-0005-01242 — 10.07.2014

DPO () IĠP (X)

1. Isem

“Lički krumpir”

2. Stat Membru jew pajjiż terz

Ir-Repubblika tal-Kroazja

3. Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel

3.1. Tip ta' prodott

Klassi 1.6 Frott, ħaxix u ċereali, friski jew ipproċessati

3.2. Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem f(1)

“Lički krumpir” [patata tar-reġjun ta' Lika] huma tuberu maħsuba għas-suq għall-konsum mill-bniedem. It-tuberu għandu dijametru minimu ta' 35 mm. It-tuberu għandu forma li tvarja bejn żengulija u ovali.

Għall-produzzjoni tal-“Lički krumpir” tintuża patata taż-żriġħ tal-varjetajiet Desiree, Bintje jew Victoria, jew dik ta' varjetajiet b'karatteristiki simili, b'kontenut ta' materjal xott ta' mill-inqas 19 %.

Karatteristiki organolettiċi tat-tuberu “Lički krumpir”:

Id-dehra tat-tuberu minn barra: qoxra minn lixxa għal raffa, ta' kulur li jvarja minn isfar għal kannella, jew ħamrani;

Il-kulur tal-laħma tat-tuberu: ivarja bejn abjad jgħajjat u isfar;

Il-konsistenza tal-laħma tat-tuberu: fina, bi hħub żgħar;

It-togħma tat-tuberu: togħma li tfakkar fit-togħma tad-dqiq, minħabba l-konsistenza niexfa jew ramlija, u minħabba l-perċentwal għoli ta' materja niexfa (kontenut għoli ta' lamtu), minħabba t-tendenza li din tissajjar iżżejjed. It-togħma sħiħa u proprja ta' din il-patata toħroġ fil-ħalq meta din tittiekel.

3.3. Għalf (għall-prodotti li joriġinaw mill-annimali biss) u materja prima (għall-prodotti pproċessati biss)

—

3.4. Passi speċifiċi tal-produzzjoni li jridu jsiru fiż-żona ġeografika ddefinita

L-istadji tal-produzzjoni tal-“Lički krumpir” li jridu jsiru fiż-żona ġeografika ddefinita msemmija fil-punt 4 huma: it-tħawwil, l-irdim u l-estrazzjoni tat-tuberu tal-patata.

3.5. Regoli speċifiċi dwar it-tqattigh, it-taħkik, l-ippakkjar, eċċ.

Qabel l-ippakkjar, il-patata “Lički krumpir” tiġi mqassma skont id-daqs u l-kobor, li jrid ikun ta' mill-inqas 35 mm, u titnaddaf mill-partikuli tal-ħamrija permezz ta' pinzell. Biex jiġi żgurat li t-tuberu jżomm id-dehra tradizzjonali tiegħu, dan ma jiġix imlaħlaħ bl-ilma.

Il-patata “Lički krumpir” tiġi ppakkjata biss permezz tal-użu ta' dawn it-tipi ta' ppakkjar: ġuta, għażel, xbieki jew basktijiet tal-karta, jew imballaġġ magħmul minn dawn il-materjali. Il-patata “Lički krumpir” titqiegħed ukoll fis-suq mingħajr imballaġġ, minħabba li dejjem hekk kienet tinbiegħ tradizzjonalment fis-swieq.

⁽¹⁾ ĠUL 343, 14.12.2012, p. 1.

3.6. Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar

—

4. Deskrizzjoni fil-qosor taż-żona ġeografika

Il-patata “Liċki krumpir” titkabbar fiż-żona ġeografika ta’ Lika. Lika huwa reġjun kontinentali fil-Lbiċ tal-Kroazja, fejn hemm meded ta’ muntanji għoljin (il-medda ta’ Velebit fin-Nofsinhar u fil-Punent, il-Muntanja Plješevica fil-Lvant u l-medda ta’ Kapela fit-Tramuntana).

Dan l-ambjent naturali huwa kkaratterizzat minn bosta pjanuri karstiċi (jew “polje”), jiġifieri Lipovo polje, Koreniċko polje, Bijelo polje, Krbavsko polje, Lapaċko polje, Dabarsko polje, Krasno polje, Vrhovinsko polje, Turansko polje, Homoljacko polje, Podlapaċko polje, Krbavsko polje, Kosinjsko polje, Mazinsko polje, Gubavčevo polje, Bruvnopolje u Rudopolje, il-polje Kbar u Minuri ta’ Popinsko, Brezovaċko polje, Srb-Suvaċko polje, Kosniċko polje u Poljice, Brinjsko polje, Stajniċko polje, Vodoteċko polje u Križpolje, Gostovo polje, Liċko-jaseniċko polje u Potpolje, Saborsko polje, Liċko polje u Gacko polje. L-akbar fosthom huma Liċko u Gacko polje.

Iż-żona ta’ Lika fejn jinsabu l-pjanuri karstiċi msemmija hawn fuq tkopri żewġ reġjuni amministrattivi: l-aktar il-Kontea ta’ Lika-Senj u, sa ċertu punt, il-Kontea ta’ Zadar. Din tkopri l-muniċipalitajiet u l-bliet kollha tal-Kontea ta’ Lika-Senj, ħliet il-belt ta’ Novalja u l-muniċipalità ta’ Graċac fil-Kontea ta’ Zadar. Iż-żona li fiha titkabbar il-patata “Liċki krumpir” tinkludi l-postijiet kollha li jinsabu aktar minn 400 m ‘l fuq mil-livell tal-baħar, jiġifieri dawn il-bliet: Gospić, Otočac u Senj, u l-muniċipalitajiet ta’ Brinje, Vrhovine, Plitvička jezera, Perušić, Udbina, Lovinac, Graċac, Donji Lapac u Karlobag.

5. Rabta maż-żona ġeografika

Il-protezzjoni tal-prodott “Liċki krumpir” hija bbażata fuq il-kwalità tiegħu, li tirriżulta mill-karatteristiki speċifiċi taż-żona ta’ produzzjoni, kif ukoll fuq ir-reputazzjoni tiegħu.

Fiż-żona ġeografika msemmija fil-punt 4, il-klima taffettwa l-kwalità tal-“Liċki krumpir”, u tidistingwi din il-patata mill-patata li tiġi prodotta f’reġjuni oħra. Iż-żona ġeografika ta’ Lika għandha klima muntanjuża b’perjodu ta’ veġetazzjoni relattivament qasir. F’dawn il-pjanuri u artijiet watja, it-temperatura medja f’Jannar hija ta’ madwar -2 °C, filwaqt li matul l-ewwel ħames xhur tas-sena t-temperatura minima tinżel taħt iż-0 °C. Fl-artijiet watja, it-temperatura medja f’Lulju hija ta’ 18 °C, u din tonqos aktar ma tiżdied l-altitudni.

It-temperaturi medji aktar baxxi tax-xitwa u tas-sajf jiffavorixxu t-tkabbir tal-“Liċki krumpir” billi jippermettu proċess ta’ fotosinteżi intensiv, li r-riżultat aħħari tiegħu huwa s-sinteżi taz-zokkor. Fir-reġjun ta’ Lika, iz-zokkor li jakkumula jintuża inqas fil-proċess tar-respirazzjoni, u minflok jiġi ttrasferit lejn it-tuberu tal-patata, fejn jakkumula fil-forma ta’ lamtu polisakkaridu, li jifforma l-biċċa l-kbira tal-materja niexfa tat-tuberu. B’differenza għal dan, ir-reġjuni li jinsabu aktar fil-baxx huma kkaratterizzati minn temperaturi għoljin ta’ matul il-jum u ta’ matul il-lejl. Billi l-proċess ta’ respirazzjoni tal-pjanti jseħħ b’mod aktar mgħaġġel f’temperaturi għolja, iz-zokkor sintetizzat li jakkumula fit-tuberi fi kwantitajiet iżgħar jintuża.

Bħala forom sinifikanti ta’ topografija karstika, il-pjanuri karstiċi ġew iffurmati minn ċaqliq tettoniku u proċess ta’ dissipazzjoni. Il-pjanuri mbaġhad inħolqu wara li seħħ proċess ta’ depożitar ta’ materjali (waqt l-epoka tal-Plejstoċenu). F’dan ir-rigward, il-pjanuri karstiċi huma tip ta’ riżalt tettoniku akkumulattiv. Dawn l-elevazzjonijiet fl-art jaffettwaw l-iżvilupp tal-istruttura favorevoli tal-ħamrija, li hija magħmula l-aktar minn ħamrija ramlja u raba’ grass b’kontenut għoli ta’ materja organika, li huma xierqa biex fihom titkabbar il-“Liċki krumpir”. L-elevazzjonijiet jaffettwaw ukoll il-mikroklima, li hija fattur prinċipali li jiddetermina l-kwalità tal-prodott.

Ir-residenti ta’ Lika ħadu vantaġġ mill-kondizzjonijiet naturali favorevoli, u għalihom it-tkabbir tal-“Liċki krumpir” hija tradizzjoni antika. Dan it-tip ta’ patata nġieb fl-1760 minn partijiet oħra tal-imperu Awstro-Ungeriż lejn ir-reġjun tal-Fruntiera Militari, li Lika kienet tiffurma parti minnha (Vinko Mandekić, *Krumpir* [Il-Patata], Zagreb 1923, p. 7). Minħabba l-ispeċifità taż-żona ġeografika ta’ Lika (il-klima muntanjuża u l-ħamrija tagħha), iċ-ċereali tal-ħobż ma setgħux jitkabbru sew, u għalhekk, fis-seklu 18, fi żmien l-imperu Awstro-Ungeriż, saru sforzi biex il-produzzjoni tal-patata ssir fuq skala ikbar. Il-kundizzjonijiet agroklimatiċi u pedoloġiċi kienu tajbin għat-tixrid tat-tkabbir tal-patata fir-reġjun ta’ Lika (iż-żona ta’ produzzjoni tal-“Liċki krumpir”). Dawn l-istess kundizzjonijiet kellhom impatt negattiv fuq il-produzzjoni taċ-ċereali tal-ħobż, u dan wassal biex il-patata tissostitwixxi fil-biċċa l-kbira l-ħobż bħala l-ikel bażiku tad-dieta ta’ kuljum.

Bis-saħħa tar-rwol u l-importanza tal-“Liċki krumpir” fid-dieta tar-residenti ta’ Lika, il-varjetajiet tal-patata li ġew “domestikati” biex jipproduċu l-“Liċki krumpir” f’Lika kienu karatterizzati wkoll minn perċentwal ogħla (minimu ta’ 19 %) ta’ materja niexfa. Minħabba l-klima speċifika tar-reġjun, dan il-kontenut ta’ materja niexfa huwa aktar evidenti, u dan jagħti lil-“Liċki krumpir” it-togħma lamtuża u l-konsistenza sħiħa tagħha.

Ir-riċerka xjentifika kkonfermat li l-patata ta' dawn il-varjetajiet imkabbra bl-użu tal-istess teknika f'Lika (Brinje) għandha perċentwal "ogħla" ta' materja niexfa (medja ta' 23,5%–24,3%) meta mqabbel mal-istess varjetajiet ta' patata mkabbra fil-Kontea ta' Međimurje (Belica, Slovinska Kovačica), li għandha perċentwal aktar baxx ta' materja niexfa (medja ta' 21,1% – 21,4%). Ir-riżultati tat-testijiet urew li l-varjetà mkabbra fi Brinje (Lika) fiha ħafna aktar materja niexfa. Dan minħabba l-influenza tal-fatturi klimatiċi prevalenti fiż-żona ta' produzzjoni tal-"Lički krumpir", li jagħtu karattru distintiv lil din il-varjetà ta' patata meta mqabbla mal-istess varjetà li tiġi mkabbra f'Belica (fil-Kontea ta' Međimurje, li hija r-reġjun prinċipali għat-ktabbar tal-patata fil-Kroazja). Il-kontenut għoli ta' materja niexfa jagħti lil-"Lički krumpir" it-togħma lamtuża u l-konsistenza sħiħa tagħha (riċerka xjentifika mwettqa minn M. Poljak et al, Grafikon 4 u 5, 2001).

Xhieda tal-fama u tar-reputazzjoni tal-"Lički krumpir" huma l-artikli li dehru fil-gazzetti (*Ličke novine* [Il-Gazetta tal-Kontea ta' Lika], Arkivji tal-Istat, Gospić, 1953 u 1955). Dawn l-artikli jsemmu t-tradizzjoni tat-ktabbar tal-"Lički krumpir" fir-reġjun ta' Lika minħabba l-kundizzjonijiet klimatiċi favorevoli prevalenti fiż-żona ġeografika, il-kwalità speċifika tal-"Lički krumpir" li żżomm din il-patata milli titfarrak waqt it-tisjir, u l-kontenut għoli tagħha ta' lamtu.

Il-patata "Lički krumpir" kisbet reputazzjoni konsiderevoli fost il-konsumaturi, kif juri stħarriġ tal-konsumaturi li sab li 93% ta' dawk li rrispondew kienu semgħu bl-isem "Lički krumpir", u li 74% kienu lesti jħallsu aktar għal-"Lički krumpir". Ir-riżultati tal-istħarriġ juru wkoll li l-konsumaturi jafu li, bħala ż-żona ta' produzzjoni prinċipali tal-"Lički krumpir", ir-reġjun ta' Lika jaffettwa l-kwalità speċifika tal-"Lički krumpir" (silta mill-istħarriġ, Miroslav Božić "Marketing Strategy and Quality Labels in Traditional Food Industry [L-istrateġija tal-Kummerċjalizzazzjoni u tat-Tikketti tal-Kwalità fl-Industrija tal-Ikel Tradizzjonali]", 2009–2010).

Apparti fatturi naturali bħall-kundizzjonijiet klimatiċi, li huma influwenzati mill-altitudni u li jirriżultaw fl-akkumulazzjoni ta' kwantitajiet kbar ta' materja niexfa fil-"Lički krumpir", u li minħabba fihom il-patata mkabbra f'din iż-żona ġeografika hija aktar distintiva minn dik ta' reġjuni oħra, ir-rabta tal-"Lički krumpir" maż-żona ġeografika ta' Lika tirriżulta mir-reputazzjoni li l-patata "Lički krumpir" tagħti lir-reġjun ta' Lika. Dan jintwera fil-ktieb kulinari *Vodič Hrvatske gastro ikone* [Gwida tal-Ikoni Kulinari tal-Kroazja], li tinkludi l-"Lički krumpir" fost "l-ikoni kulinari" tar-reġjun ta' Lika. L-intenzjoni tal-awtur kienet li jiddokumenta d-diversità tal-kċina Kroata billi jikkompila lista ta' ikoni kulinari, li tindika b'mod ċar ir-reputazzjoni li l-"Lički krumpir" tagħti lir-reġjun fejn titkabbar (*Vodič Hrvatske gastro ikone*, 2007).

Din ir-reputazzjoni, li beħsiebna nippreżervaw billi nirreġistraw il-"Lički krumpir", laħqet livell prominenti fil-bidu ta' dan is-seklu, meta avvenimenti kulturali kulinari li għadhom isiru sal-lum il-ġurnata bdew isiru fir-reġjun ta' Lika. Wieħed minn dawn l-avvenimenti huwa "Jum il-Lički Krumpir" li waqtu jiġi offrut il-prodott lill-viżitaturi (Avveniment Kulinari "Jum il-Lički Krumpir", 2014). Il-"Lički krumpir" hija wkoll parti mill-wirt kulturali tar-reġjun ta' Lika. Dan jidher mill-fatt li din il-patata tiġi ċelebrata f'bosta kanzunetti tradizzjonali (Anness, Nikola Matijević, *Lički Grudobran* [Parapett ta' Lika], Zagreb, 1940, p. 62).

Referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni

(L-Artikolu 6(1) tat-tieni subparagrafu ta' dan ir-Regolament)

<http://www.mps.hr/UserDocsImages/HRANA/LICKI%20KRUMPIR/Izmijenjena%20Specifikacija%20proizvoda.pdf>

RETTIFIKA**Rettifika għal Festi pubbliċi fl-2015**

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 463 tat-23 ta' Diċembru 2014)

(2015/C 145/12)

Fpaġna 17, għal Franza:

minflok: "1.1, 6.4, 1.5, 14.5, 25.5, 14.7, 21.7, 15.8, 1.11, 11.11, 25.12",

aqra: "1.1, 6.4, 1.5, 8.5, 14.5, 25.5, 14.7, 15.8, 1.11, 11.11, 25.12".

ISSN 1977-0987 (elektronikus kiadás)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT